32006R1425

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1425/2006

tal-25 ta' Settembru 2006

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja, u li jtemm il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fil-Malażja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta preżentata mill-Kummissjoni wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA

1. IL-BIDU

(1) Fit-30 ta' Ġunju 2005, skond l-Artikolu 5 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni ħabbret permezz ta' avviż ("avviż tal-bidu") ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2] l-bidu ta' proċediment *anti-dumping* rigward l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-PRC"), fil-Malażja u fit-Tajlandja ("il-pajjiżi konċernati").

(2) Il-proċediment inbeda minħabba lment iddepożitat fis-17 ta' Mejju 2005 minn 29 produttur Komunitarju ta' xkejjer u basktijiet tal-plastik, li jirrappreżentaw proporzjon kbir (f'dan il-każ aktar minn 25 %) tal-produzzjoni Komunitarja totali ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet tal-plastik. L-ilment kien jinkludi evidenza tad-*dumping* tal-prodott imsemmi u ta' ħsara materjali li tirriżulta minn dan, li tqies li hija biżżejjed biex tiġġustifika l-bidu ta' proċediment.

2. IL-PARTIJIET IKKONĊERNATI MILL-PROĊEDIMENT

(3) Il-Kummissjoni uffiċjalment tat parir lill-produtturi Komunitarji li għamlu l-ilment, lill-assoċjazzjoni tagħhom, lil produtturi Komunitarji oħra, lill-produtturi li jesportaw, lill-importaturi, lill-forniturі u lill-utenti kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet ta' l-utenti magħruf li huma konċernati u lir-rappreżentanti tal-pajjiżi li jesportaw bil-bidu tal-proċediment. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu taż-żmien iffissat fl-avviż tal-bidu.

(4) Minħabba n-numru kbir ta' produtturi li jesportaw magħrufa fil-PRC, fil-Malażja u fit-Tajlandja, kif ukoll in-numru kbir ta' produtturi u ta' importaturi Komunitarji magħrufa, fl-avviż tal-bidu kien previst it-teħid ta' kampjuni għad-determinazzjoni tad-*dumping* u tal-ħsara, skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku (ara aktar 'l isfel għal aktar dettalji rigward it-teħid ta' kampjuni).

(5) Sabiex il-produtturi li jesportaw fil-PRC jitħallew iressqu talba għal trattament ta' ekonomija tas-suq ("MET") jew trattament individwali ("IT"), jekk jixtiequ dan, il-Kummissjoni bagħtet formoli ta' talbiet lill-produtturi li jesportaw li huwa magħruf li huma konċernati u lill-awtoritajiet tal-PRC. 108 kumpanija u grupp talbu l-MET skond l-Artikolu 2(7) tar-Regolament bażiku. Il-kumpaniji u l-gruppi kolha t'aktar 'il fuq talbu wkoll l-IT jekk l-investigazzjoni tkun stabbiliet li ma ssodisfawx il-kondizzjonijiet għall-MET. Tliet kumpaniji talbu l-IT biss.

(6) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha li huwa magħruf li huma konċernati u lill-kumpaniji l-oħra kollha li ppreżentaw irwieħhom fl-iskadenzi taż-żmien stabbiliti fl-avviż tal-bidu. Minbarra r-risposti għall-kwestjonarju li waslu mill-partijiet magħżula fil-kampjuni ta' l-esportaturi, ta' l-importaturi u ta' l-industrija Komunitarja, ir-risposti għall-kwestjonarji waslu wkoll mingħand żewġ bejjiegħa bl-imnut Komunitarji.

(7) Numru ta' partijiet wkoll ressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub. Il-partijiet kollha li talbu li jinstemgħu fil-limitu taż-żmien iffissat u li indikaw li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex kellhom jinstemgħu ġew mismugħa.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

[2] ĠU C 159, 30.6.2005, p. 19.

(8) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset li hija meħtieġa għall-fini tad-determinazzjoni preliminari tad-*dumping*, tal-ħsara li tirriżulta u ta' l-interess Komunitarju u wettqet investigazzjonijiet fl-uffiċċji talkumpaniji li ġejjin:

Il-produttur Komunitarji

— SP Metal, Pariġi, Franza u l-kumpaniji relatata tagħha SP Metal Biel, Żaragoża, Spanja ud Jet Sac SA, Auchel, Franza

— Groupe Barbier SA, Ste Sigolene, Franza

— Plasticos Romero SA, Murcia, Spanja

— Plasbel SA, Murcia, Spanja

— Alplast SA, Ste Marie aux Mines, Franza

L-importaturi li mhumiex relatati fil-Komunità

— FIPP GmbH & Co KG u l-kumpanija relatata tagħha DEISS GmbH & Co KG, Hamburg, il-Ġermanja

Il-produttur li jesportaw u l-kumpaniji relatati fil-pajjiżi li jesportaw

PRC

— Cedo Shanghai Ltd., Shanghai

— Chun Yip Plastics (Shenzhen) Ltd., Shenzhen

— Huizhou Jun Yang Plastics Co., Ltd., Huizhou

— Suzhou Guoxin Group Co., Ltd., Taicang

— Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd. u Wuxi Bestpac Packaging Co., Ltd., Wuxi

— Zhongshan Qi Yu Plastic Products Co., Ltd., Zhongshan

— Weifang Lefu Plastic Products Co., Ltd., Weifang

— Jinguan (Longhai) Plastics Packing Co., Ltd., Longhai

— Sunway Kordis (Shanghai) Ltd. u Shanghai Sunway Polysell Ltd., Shanghai

— Nantong Huasheng Plastic Products Co., Ltd., Nantong

Il-Malażja

— Dragonpak Industries (M) S/B, Johor Bahru

— Europlastics Malaysia S/B, Shah Alam

— Hond Tat Industries S/B, Klang

— Plastic V S/B, Klang

— Poly Carrier Industries S/B, Klang

— Sido Bangun S/B, Negri Sembilan

It-Tajlandja

— King Pac Industrial Company Limited, Chonburi

— Multibax Public Co., Ltd., Chonburi

— Naraipak Co., Ltd., Bangkok

— Sahachit Watana Plastic Industry Co., Ltd., Bangkok

— Thai Plastic Bags Industries Co., Ltd., Nakornpathorn

L-importaturi relatati fil-Komunità

— Cedo Limited UK, Telford, ir-Renju Unit

— Cedo GmbH, Mönchengladbach, il-Ġermanja

— Europackaging plc, Birmingham, ir-Renju Unit

— 3S's Limited, Upton-upon-Severn, ir-Renju Unit

— Kordis Limited u Kordis BV, Stratford-upon-Avon, ir-Renju Unit

3. IL-PERJODU TA' L-INVESTIGAZZJONI

(9) L-investigazzjoni tad-*dumping* kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005 ("il-perjodu ta' l-investigazzjoni" jew l-"IP"). L-eżami tal-ħsara kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Marzu 2005 ("il-perjodu meqjus").

B. **IT-TEĦID TA' KAMPJUNI**

1. IT-TEĦID TA' KAMPJUNI GĦALL-PRODUTTURI LI JESPORTAW FIL-PRC, FIL-MALAŻJA U FIT-TAJLANDJA

(10) Kif ġie ddikjarat aktar 'il fuq, minħabba n-numru kbir ta' produttur li jesportaw fil-PRC, fil-Malażja u fit-Tajlandja, fl-avviż tal-bidu kien propost it-teħid ta' kampjuni, skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku.

(11) Sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni għandux ikun meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-produtturi li jesportaw intalbu li jippreżentaw irwieħhom fi 15-il jum mid-data tal-bidu ta' l-investigazzjoni u biex jipprovdu informazzjoni bażika dwar il-bejgħ mill-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku tagħhom, u l-ismijiet u l-attivitajiet tal-kumpaniji relatati kollha tagħhom li huma involuti fil-produzzjoni u/jew fil-bejgħ tal-prodott imsemmi. Kienu kkonsultati wkoll l-awtoritajiet fil-PRC, fil-Malażja u fit-Tajlandja.

(12) 108 kumpanija u grupp fil-PRC, 36 kumpanija mill-Malażja u 17 mit-Tajlandja ppreżentaw irwieħhom u provdew l-informazzjoni mitluba fl-iskadenza taż-żmien mogħtija. Madanakollu, 104 kumpanija u grupp biss mill-PRC, 31 kumpanija mill-Malażja u 14 mit-Tajlandja rrappurtaw esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni.

(13) Dawk il-produtturi li jesportaw li esportaw il-prodott imsemmi lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-invetigazzjoni u wrew xewqa li jipparteċipaw fil-kampjun, tqiesu bħala kumpaniji li kkooperaw u tqiesu fl-għażla tal-kampjuni.

(14) l-produtturi li jesportaw li kkooperaw irrappreżentaw madwar 95 % ta' l-esportazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat mill-PRC lejn il-Komunità, 96 % ta' dawk tal-Malażja u 88 % ta' l-esportazzjonijiet totali tat-Tajlandja.

(15) Il-kumpaniji li fadal kienu jew kummerċjanti jew produtturi li jesportaw mingħajr esportazzjonijiet lejn il-Komunità matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni. Għalhekk, għal dawk il-kumpaniji mhux se jiġi ddeterminat il-marġni tad-*dumping*.

(16) Il-produtturi li jesportaw li ma ppreżentawx irwieħhom fil-perjodu msemmi aktar 'il fuq tqiesu bħala li ma kinux qed jikkooperaw ma' l-investigazzjoni.

(17) Skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, fl-għażla tal-kampjun tqiesu l-kriterji li ġejjin: id-daqs tal-produttur li jesporta rigward il-bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità kif ukoll id-daqs tal-produttur li jesporta rigward il-bejgħ domestiku. Tqis li għar-raġunijiet stabbiliti aktar 'l isfel, il-kampjun għandu jinkludi numru biżżejjed ta' kumpaniji li jbiegħu fis-suq domestiku. Għalhekk, numru ta' kumpaniji li jesportaw ewlenin li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv kienu inklużi fil-kampjun.

(18) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni oriġinarjament għażlet kampjuni ta' għaxar produtturi li jesportaw Ċiniżi, sitt produtturi li jesportaw Malażja ni u sitt produtturi li jesportaw Tajlandiżi. Il-kumpaniji magħżula rrapreżentaw madwar 52 %, 62 % u 71 % ta' l-esportazzjonijiet tal-prodott imsemmi lejn il-Komunità mill-PRC, mill-Malażja u mit-Tajlandja rispettivament.

(19) Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi li jesportaw li kkooperaw u l-awtoritajiet tal-pajjiżi konċernati ngħataw l-opportunità li jikkumentaw dwar l-għażla tal-kampjun.

(20) Numru ta' esportaturi Ċiniżi argumentaw li kellhom jiġu inklużi fil-kampjun, minħabba ċirkostanzi partikolari rigward il-kumpaniji tagħhom bħal: it-tipi ta' prodott, il-mudell tan-negozju, l-istruttura tal-ispejjeż, jew l-affiljazzjoni ma' gruppi bbażati f'Ħong Kong jew fl-UE. Madanakollu, ma kienx ikun prattiku u ma kienx meħtieġ mir-Regolament bażiku, li fil-mira jkun hemm kampjun li jirrifletti l-fatturi kollha t'aktar 'il fuq, meta jitqiesu l-ammont ta' informazzjoni u l-ħin disponibbli għall-għażla tal-kampjun. Barra minn hekk, ir-Regolament bażiku jippermetti li tiġi limitata l-investigazzjoni għall-akbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet li jista' jiġi raġonevolament investigat fiż-żmien disponibbli.

(21) Esportatur Ċiniż argumenta li l-Kummissjoni, skond il-Ftehim dwar l-*Anti-dumping* ("ADA") tad-WTO, sempliċement għażlu l-esportaturi bl-akbar volum ta' bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità, mingħajr ma tqies il-volum tal-bejgħ domestiku. L-Artikolu 6.10 ADA jipprovdi, *inter alia*, li kampjun ta' esportaturi jista' jintgħażel fuq il-bażi

ta' "l-akbar perċentwali tal-volum ta' l-esportazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat li jista' raġonevolment jiġi investigat". Din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 6.10 ADA trid tiġi rifjutata. L-ewwelnett, mhemm xejn fil-kliem ta' l-Artikolu 6.10 ADA li jipprekludi li l-esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv jiġu inklużi wkoll fil-kampjun. It-tieni, il-fini ta' l-għażla ta' kampjun ta' produtturi li jesportaw huwa li tinġabar l-aktar data rappreżentattiva possibbli li fuq il-bażi tagħha seta' jiġi kkalkulat marġni tad-*dumping*. F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li l-kumpaniji b'bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat jiġu inklużi fil-kampjun sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat il-valur normali u l-SG&A u l-profitt skond l-Artikoli 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku. Għall-kumpaniji li jinsab li jissodisfaw il-kriterji tal-MET, għandu jkun problematiku li jiġi stabbilit valur normali mingħajr biżżejjed informazzjoni dwar SG&A u profitt ta' din ix-xorta. L-akbar volum ta' l-esportazzjonijiet li jista' jiġi raġonevolment investigat għalhekk għandu jinkludi wkoll għall-inqas numru biżżejjed ta' kumpaniji b'bejgħ domestiku fl-IP. Għaldaqstant, skond l-Artikolu 6.10 ADA u l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, intgħażlu biss il-kumpaniji li jesportaw ewlenin li kienu jirrappreżentaw ukoll parti ewlenija tal-bejgħ domestiku.

(22) Matul l-investigazzjoni, instab li Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd u Wuxi Bestpac Packaging Co., Ltd bi żball kienu ddikjaraw ammonti kbar ta' esportazzjonijiet lejn il-KE tal-prodott imsemmi li huma stess ma kinux ipproduċew, imma li fil-fatt kienu pproċessaw għal produtturi li jesportaw oħrajn. Minħabba l-ammont żgħir tal-bejgħ effettiv tagħhom tal-prodott imsemmi magħmul minnhom, il-kumpanija tneħħiet mill-kampjun Ċiniż, li issa jikkonsisti minn disa' kumpaniji. Madankollu, minħabba li l-kumpanija diġà kienet spezzjonata, fil-fatt ser tirċievi eżami individwali.

(23) L-Assoċjazzjoni Malażjana tal-Manifatturi tal-Plastik ġibdet l-attenzjoni li waħda mill-kumpaniji li ma ntgħażlitx fil-kampjun ma kinitx irrappurtat il-bejgħ lokali tagħha tal-basktijiet tal-plastik ta' kumpanija relatata, u kellha tingħażel għall-kampjun. Minħabba li l-informazzjoni dwar dan l-iżball fir-rappurtaġġ wasal fil-ħin, il-Kummissjoni qablet li tinkludi lill-kumpanija fil-kampjun, billi tissostitwixxi lil waħda mill-kumpaniji li kienet intgħażlet qabel li kellha volum iżgħar ta' bejgħ mill-esportazzjoni.

(24) Il-kwestjonarji ntbagħtu biex jimtlew lit-22 kumpanija li oriġinarjament ttieħdu bħala kampjun u r-risposti minnhom ilkoll waslu fl-iskadenzi taż-żmien mogħtija, bl-eċċezzjoni ta' kumpanija Tajlandiża li ntgħażlet għall-kampjun imma li wara waqfet tikkoopera.

(25) Minħabba n-numru kbir ta' pajjiżi u ta' partijiet involuti u minħabba l-limiti ta' żmien, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma seta' jingħata l-ebda eżami individwali tal-produtturi li jesportaw, meta titqies l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 9(6) u 17(3) tar-Regolament bażiku, għaliex dan kieku jkun wisq ta' kedda u ma jħallix li l-investigazzjoni tiġi kompluta fi żmien xieraq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni informat lill-produtturi li jesportaw li kkooperaw kollha li ma kinitx biħsiebha tagħti eżamijiet individwali jekk tintalab tagħmel dan. Barra minn hekk, l-ebda talba ta' din ix-xorta ma waslet sa l-iskadenza ta' 40 jum stipulata fl-avviż tal-bidu.

(26) Ta' min jinnota li kumpanija waħda fiċ-Ċina li ma ttiħditx bħala kampjun, imma li kkooperat ma' l-investigazzjoni, ressqet talba għal bidla fl-isem minn Jiangmen Xiefeng Plastic Co., Ltd. għal Jiangmen Toptype Plastic Products Co., Ltd. Tressqet evidenza li din kienet bidla fl-isem ta' l-istess entità legali u għalhekk ma saret l-ebda bidla b'mod ieħor lill-istatus, lill-istruttura jew lis-sjieda tal-kumpanija. Bħala tali, l-isem tal-kumpanija kien emendat għall-isem il-ġdid fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. IT-TEĦID TA' KAMPJUNI TAL-PRODUTTURI KOMUNITARJI

(27) Minħabba n-numru kbir ta' produtturi Komunitarji, fl-avviż tal-bidu kien propost it-teħid ta' kampjun skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Minħabba dan, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi Komunitarji biex jipprovdu informazzjoni dwar il-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili.

(28) 34 produttur Komunitarju ppreżentaw irwieħhom u pprovdew l-informazzjoni mitluba fl-avviż tal-bidu. Total ta' ħames kumpanija (tlieta fi Franza u tnejn fi Spanja) ntgħażlu għall-kampjun għaliex kienu jirrappreżentaw l-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni fil-Komunità (madwar 18 %), li seta' raġonevolment jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Skond l-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, kienet ikkonsultata l-assoċjazzjoni tal-produtturi Komunitarji u ma kellha l-ebda oġġezzjoni. Il-produtturi Komunitarji kollha li ttieħdu bħala kampjun kkooperaw u bagħtu r-risposti għall-kwestjonarju fl-iskadenzi taż-żmien. Minbarra dan, il-produtturi li fadal li għamlu l-ilment u l-produtturi li appoġġjaw l-investigazzjoni, li jinsabu fil-Belġju, fid-Danimarka, fi Franza, fl-Olanda, fil-Polonja, fil-Portugall, fi Spanja u fir-Renju Unit, ipprovdew b'mod xieraq ċerta data ġenerali għall-analiżi tal-ħsara.

3. IT-TEĦID TA' KAMPJUNI TA' L-IMPORTATURI

(29) Minħabba n-numru kbir ta' importaturi fil-Komunità, fl-avviż tal-bidu kien previst it-teħid ta' kampjun skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku. Minħabba dan, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi biex jipprovdu informazzjoni dwar l-importazzjonijiet u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat.

(30) Fuq il-bażi ta' l-informazzjon li waslet, il-Kummissjoni għażlet ħames importaturi fi tliet Stati Membri, tnejn fi Franza, wieħed fil-Ġermanja u tnejn fir-Renju Unit. Kienu kkonsultati żewġ assoċjazzjonijiet ta' l-importaturi magħrufa. Dawn l-importaturi kienu jirrappreżentaw l-akbar volum rappreżentattiv tal-bejgħ ta' l-importaturi magħrufa fil-Komunità (madwar 9 %), li raġonevolment seta' jiġi investigat fiż-żmien disponibbli. Fl-aħħarnett, ikkooperaw żewġ importaturi u bagħtu r-risposti għall-kwestjonarju.

4. L-IŻVELAR

(31) Il-partijiet kollha kienu informati bil-fatti u bil-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li tiġi rakkomandata l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja u li jintemm il-proċediment rigward l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-Malażja. Ingħataw ukoll perjodu li fih jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għall-iżvelar tal-fatti u tal-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kienu imposti l-miżuri definittivi.

(32) Il-kummenti orali u bil-miktub imressqa mill-partijiet interessati tqiesu, u fejn kien xieraq, is-sejbiet ġew modifikati skond dan.

C. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

1. ĠENERALI

(33) L-ixkejjer u l-basktijiet tal-plastik magħmula mill-polietelin ġeneralment jitqassmu permezz ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut lill-konsumaturi, li jużawhom prinċipalment biex iġorru l-oġġetti mixtrija, għall-ippakkjar ta' l-ikel jew għarrimi ta' l-iskart domestiku.

2. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(34) Il-prodott ikkonċernat huwa l-ixkejjer u l-basktijiet tal-plastik, li fihom mill-inqas 20 % tal-polietelin u ta' ħxuna li ma teċċedix il-100 mikrometru ("basktijiet tal-plastik") li joriġinaw fil-PRC, fil-Malażja u fit-Tajlandja. Il-prodott ikkonċernat jaqa' fil-kodiċijiet NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90.

(35) Il-basktijiet tal-plastik huma prodotti mill-polimeri tal-polietelin permezz ta' l-estrużjoni f'forma tubulari kontinwa, permezz ta' l-injezzjoni ta' l-arja, segwit mill-qtugħ, u fejn applikabbli mis-saldjar, mill-istampar u miż-żjieda ta' mqabad u/jew ta' sistemi ta' għeluq. Il-basktijiet jistgħu jsiru minn diversi densitajiet ta' polietelin u jiġu mħallta ma' reżini jew addittivi oħra. Il-kompożizzjoni materjali se taffetwa l-proprjetajiet tal-basket bħas-saħħa, kemm idum iservi jew id-degradabilità li tista' tkun meħtieġa għal diversi applikazzjonijiet.

(36) Matul l-investigazzjoni, l-awtoritajiet tal-PRC u diversi esportaturi u importaturi argumentaw li l-ambitu ta' l-investigazzjoni kien wiesa' wisq għaliex inkluda oġġetti bħal boroż tal-plastik għall-ġarr tax-xirja, basktjiet għaż-żibel, boroż għall-friżer, basktijiet għall-frott u għall-ħaxix u oġġetti oħra li huma lkoll differenti f'termini ta' karatteristiċi fiżiċi, prezz, kanali tal-bejgħ, użi aħħarija u ta' perċezzjoni min-naħa tal-konsumatur. B'mod partikolari, esportatur wieħed u diversi importaturi talbu li l-basktijiet biż-żippijiet (basktijiet tal-politin b'funzjoni ta' ssiġġilar permezz ta' żip) għandhom jiġu eskluži mill-firxa ta' l-investigazzjoni, minħabba l-allegati differenzi fil-materja prima, fil-proċess tal-produzzjoni, fid-dehra, fl-użu, fit-tqassim, fil-perċezzjoni tal-konsumatur u fil-prezz. Importatur ieħor għamel l-istess argument fir-rigward tal-basktijiet tal-flus, li allegatament għandhom xi karatteristiċi tekniċi u fiżiċi uniċi u huma manifatturati biss min-numru limitat ta' kumpaniji.

(37) Esportatur Malażjan argumenta wkoll li l-karatteristiċi brevettati tal-mekkaniżmu tat-tqassim ta' wħud mill-basktijiet tal-ġarr tagħhom fisser li għandhom jiġu esklużi mill-ambitu ta' l-investigazzjoni, ladarba l-basktijiet b'dawn il-karatteristiċi allegatament ma jistgħux jiġu prodotti mill-industrija Komunitarja. Madankollu din il-karatteristika brevettata, filwaqt li hija maħsuba biex tipprovdi vantaġġ funzjonali fil-konfront ta' basktijiet oħra tal-ġarr, ma tirrapreżentax differenza suffiċjenti fil-karatteristiċi fiżiċi sabiex il-basktijiet konċernati jiġu meqjusa bħala prodott separat. Tabilħaqq, huma jibqgħu jistgħu jintużaw minflok basktijiet oħra tal-ġarr, kemm bis-sistemi brevettati simili jew mingħajrhom.

(38) Filwaqt li huwa rikonoxxut li hemm tipi differenti ta' basktijiet tal-plastik li huma mfassla għal applikazzjonijiet differenti, inklużi dawk li ssemmew aktar 'il fuq, l-investigazzjoni wriet li dawn it-tipi kollha ta' basktijiet tal-plastik, inklużi dawk b'karatteristiċi brevettati, jaqsmu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi: bażikament huma kontenituri flessibbli magħmula minn film tal-polietelin użat għall-ippakkjar u t-trasport ta' l-oġġetti. L-użu tal-boroż tal-plastik huwa dejjem l-istess, għalkemm l-"oġġetti" li jkunu qed jiġu trasportati jew ippakkjati jistgħu jvarjaw (oġġetti tal-bejgħ bl-imnut, oġġetti ta' l-ikel, skart). F'dan ir-rigward, għandu jingħad li r-Regolament bażiku ma jeħtieġx li l-investigazzjonijiet ikopru prodotti li huma identiċi fl-aspetti kollha, pereżempju f'termini ta' proċess ta' produzzjoni, prezz, kanali ta' bejgħ, użi u perċezzjoni tal-konsumatur. Minflok, kienet il-prattika konsistenti tal-Kummissjoni li teħtieġ li biex it-tipi ta' prodott jitqiesu bħala prodott uniku huwa biżżejjed li jaqsmu l-istess karatteristiċi fiżiċi, tekniċi u/jew kimiċi bażiċi

(39) Għaldaqstant, it-tipi differenti kollha ta' basktijiet tal-plastik, li jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90 li joriġinaw fil-PRC, fil-Malażja u fit-Tajlandja jitqiesu bħala prodott uniku wieħed għall-fini ta' l-investigazzjoni preżenti.

3. IL-PRODOTT SIMILI

(40) Il-Kummissjoni sabet li l-basktijiet tal-plastik prodotti u mibjugħa fis-swieq domestiċi rispettiv fil-PRC, fil-Malażja (li anki serviet bħala pajjiż analogu) u fit-Tajlandja u dawk esportati lejn il-Komunità mill-pajjiżi konċernati, kif ukoll dawk prodotti u mibjugħa fil-Komunità mill-industrija Komunitarja, għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi u l-istess użi. Għalhekk qed jiġi konkluż li lkoll huma prodotti simili fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

D. **ID-DUMPING**

1. IL-METODOLOĠIJA ĠENERALI

(41) Il-metodoloġija ġenerali stabbilita aktar 'l isfel ġiet applikata għall-produtturi li jesportaw li kkooperaw kollha fil-Malażja u fit-Tajlandja, kif ukoll għall-produtturi li jesportaw li kkooperaw Ċiniżi li ngħatalhom l-MET. Il-preżentazzjoni tas-sejbiet dwar id-*dumping* għal kull wieħed mill-pajjiżi konċernati għalhekk tiddeskrivi biss dak li huwa speċifiku għal pajjiż li jesporta.

1.1. **Il-valur normali**

(42) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, għal kull produttur li jesporta, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat lill-klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' bejgħ ta' din ix-xorta kienx daqs jew akbar minn 5 % tal-volum totali tal-bejgħ mill-esportazzjoni korrispondenti lejn il-Komunità.

(43) Il-Kummissjoni sussegwentement identifikat dawk it-tipi ta' prodott mibjugħa fis-suq domestiku mill-kumpaniji li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv b'mod ġenerali, li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Il-kriterji użati kienu dawn li ġejjin: it-tip ta' materja prima użata, id-dimensjonijiet, il-kuluri, l-istampar, l-għeluq, l-imqabad u l-preżentazzjoni tal-basktijiet tal-plastik.

(44) Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari ta' prodott tqiesu bħala rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni rrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum totali tat-tip ta' prodott komparabbli mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.

(45) Il-Kummissjoni sussegwentement eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' basket tal-plastik mibjugħ fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi minn kull kumpanija f'kull pajjiż li jesporta setax jitqies bħala li sar tul il-kors ordinarju tal-kummerċ skond l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ domestiku profitabbli lill-klijenti indipendenti, ta' kull tip ta' prodott esportat, fis-suq domestiku matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni:

(46) Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett daqs jew 'il fuq mill-ispiża kkalkulata tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) ta' dak it-tip kien daqs jew 'il fuq mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv. Dan il-prezz kien ikkalkulat bħala l-medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip li sar matul l-IP, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kienx profitabbli jew le.

(47) Fejn il-volum tal-bejgħ profitabbli ta' tip ta' prodott irrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum totali tal-bejgħ ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) ta' dak it-tip kien taħt l-ispża tal-produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, ikkalkulat bħala l-medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-bejgħ profitabbli ta' dak it-tip biss, sakemm dan il-bejgħ kien jirrappreżenta 10 % jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip.

(48) Fejn il-volum tal-bejgħ profitabbli ta' kwalunkwe tip ta' prodott kien jirrappreżenta inqas minn 10 % tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, tqies li dan it-tip partikolari nbiegħ fi kwantitajiet biżżejjed biex il-prezz domestiku jipprovdi bażi xierqa għall-istabbiliment tal-valur normali.

(49) Kulfejn il-prezzijiet domestiċi ta' tip ta' prodott partikolari mibjugħ minn produttur li jesporta ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, kellu jiġi applikat metodu ieħor. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat valur normali mibni, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(50) Il-valur normali kien mibni billi jiġi miżjud ma' l-ispejjeż tal-manifattura tat-tipi esportati ta' kull esportatur, aġġustati fejn ikun meħtieġ, ammont raġonevoli għall-bejgħ, għal infiq ġenerali u amministrattiv ("SG&A") u għal marġni raġonevoli ta' profitt.

(51) Fil-każijiet kollha, l-SG&A u l-profitt kienu stabbiliti skond il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-SG&A li sar u l-profitt imwettaq minn kull wieħed mill-produtturi li jesportaw ikkonċernati fis-suq domestiku kinux jikkostitwixxu data ta' min jistrieħ fuqha.

1.2. **Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

(52) Fil-każijiet kollha fejn il-prodott ikkonċernat kien esportat lil klijenti indipendenti fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien stabbilit skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' l-esportazzjoni effettivament imħallsa jew li jistgħu jitħallsu.

(53) Fejn il-bejgħ mill-esportazzjoni sar permezz ta' importaturi relatati bbażati fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien mibni, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti importati nbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba lil xerrej indipendenti, aġġustat b'mod xieraq għall-ispejjeż kollha li saru bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, kif ukoll marġni raġonevoli għall-SG&A u għall-profitti. F'dan ir-rigward, intużaw l-ispejjeż SG&A ta' l-importaturi relatati stess. Il-marġni tal-profitt kien stabbilit fuq il-bażi ta' l-informazzjoni disponibbli mill-importaturi li mhumiex relatati li kkooperaw.

1.3. **Il-paragun**

(54) Il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(55) Sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' l-esportazzjoni, saret konċessjoni xierqa fil-forma ta' aġġustamenti għad-differenzi li jaffetwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għall-produtturi li jesportaw kollha li ġew investigati, fejn kien japplika u kien iġġustifikat inġhataw konċessjonijiet għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, fit-trasport tal-merkanzija fuq l-oċean u fl-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni, fl-immaniġġjar, fit-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, fl-ispejjeż ta' l-ippakkjar, fl-ispejjeż tal-kreditu u fil-kummissjonijiet.

1.4. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(56) Skond l-Artikoli 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku, il-marġnijiet tad-*dumping* ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' paragun ta' valur normali medju mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) skond it-tip ta' prodott ma' prezz ta' l-esportazzjoni medju mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) skond it-tip ta' prodott kif ġie stabbilit aktar 'il fuq.

(57) Il-marġni tad-*dumping* għall-produtturi li jesportaw li kkooperaw, li ppreżentaw irwieħhom skond l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku, imma li ma kinux parti mill-kampjun, ġie stabbilit fuq il-bażi tal-medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-marġnijiet tad-*dumping* tal-kumpaniji fil-kampjun skond l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku.

(58) Kienet prattika konsistenti tal-Kummissjoni li tqis lill-produtturi li jesportaw relatati jew lill-produtturi li jesportaw li jappartjenu lill-istess grupp bħala entità waħda għad-determinazzjoni tal-marġni tad-*dumping* u b'hekk jiġi stabbilit marġni tad-*dumping* wieħed għalihom. B'mod partikolari, dan huwa minħabba li l-kalkolu ta' marġnijiet tad-*dumping* individwali jista' jinkoraġixxi l-elużjoni tal-miżuri *anti-dumping*, biex b'hekk isiru ineffettivi, billi l-produtturi li jesportaw relatati jkunu jistgħu jiggwidaw l-esportazzjonijiet tagħhom lejn il-Komunità permezz tal-kumapnija bil-marġni tad-*dumping* individwali l-aktar baxx.

(59) Skond din il-prattika, il-produtturi li jesportaw relatati li jappartjenu lill-istess gruppi tqiesu bħala entità waħda u ġie attribwit lilhom marġni tad-*dumping* wieħed li kien ikkalkulat fuq il-bażi tal-medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-marġnijiet tad-*dumping* tal-produtturi li kkooperaw fil-gruppi rispettivi.

(60) Sabiex jiġi ddeterminat il-marġni tad-*dumping* għall-produtturi li jesportaw li ma kkooperawx, l-ewwel ġie stabbilit il-livell ta' nuqqas ta' kooperazzjoni. Għal dan il-għan, il-volum ta' l-esportazzjonijiet lejn il-Komunità rrappurtat mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw ġie pparagunat ma' l-istatistiċi dwar l-importazzjonijiet ekwivalenti ta' l-Eurostat.

(61) Peress li l-livell ta' kooperazzjoni fil-Malażja u t-Tajlandja kien għoli ('il fuq minn 85 %), tqies li kien xieraq li jiġi ffissat il-marġni tad-*dumping* residwali għal kwalunkwe produttur li jesporta li ma kkooperax f'kull wieħed mill-pajjiżi konċernati fil-livell ta' l-ogħla dazju impost fuq esportatur li kkoopera.

(62) Fir-rigward taċ-Ċina, għandu jingħad li għalkemm il-kooperazzjoni kienet ġeneralment għolja, tliet produtturi esportaturi pprovdew tagħrif falz u qarrieq u għalhekk kienu ddikjarati li ma kkooperawx skond l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku kif deskritt hawn taħt. Ladarba dawn il-kumpaniji deliberatament naqsu milli jikkooperaw, il-marġni ta' *dumping* li jifdal għall-produtturi esportaturi li ma jikkooperawx fil-PRC ġie bbażat fuq il-fatti disponibbli. Għalhekk ġie kkunsidrat xieraq li l-marġni ta' *dumping* li jifdal għandu jiġu stabbilit fil-livell ta' l-ogħla marġni stabbiliti għal tipi rappreżentattivi imposti fuq esportaturi li jikkoperaw u li ma ngħatawx il-MET jew l-IT. Ma kienx hemm indikazzjonijiet li l-produtturi esportaturi li ma kkooperawx iddumpjaw il-prodott tagħhom f'livell inqas.

2. IL-MALAŻJA

2.1. **Il-valur normali**

(63) Tliet kumpaniji kellhom bejgħ domestiku rappreżentattiv. Madanakollu, minħabba n-nuqqas ta' tlaqqigħ tat-tipi domestiċi u dawk esportati, għal dawn il-kumpaniji kellu jinbena l-valur normali skond il-metodoloġija stabbilita aktar 'il fuq. Għat-tliet kumpaniji mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv, il-valur normali wkoll kellu jinbena skond il-metodoloġija stabbilita aktar 'il fuq.

(64) Għat-tliet kumpaniji b'bejgħ domestiku rapreżentattiv, il-profitt tagħhom li sar matul il-kors ordinarju tal-kummerċ intuża biex jinbena l-valur normali tagħhom, kif ukoll l-SG&A domestiku bbażat fuq il-bejgħ domestiku tagħhom.

(65) Għat-tliet kumpaniji mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv, ammont għal infiq SG&A ġie ddeterminat fuq il-bażi ta' l-SG&A medju tat-tliet kumpaniji b'bejgħ domestiku.

(66) Ladarba esportatur Malażja n wieħed biss kellu bejgħ domestiku tal-prodott simili li kien profitabbli b'mod ġenerali, il-livell medju tal-profitt miksub fuq il-bejgħ domestiku ta' l-istess kategorija ġenerali tal-prodotti, 5,5 %, intuża biex jinbena valur normali għat-tliet kumpanija bla ebda bejgħ domestiku, skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

2.2. **Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

(67) Is-sitt produtturi li jesportaw għamlu bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji tal-kummerċ relatati li jinsabu fil-Komunità u fl-Indoneżja. Fejn il-bejgħ mill-esportazzjoni sar permezz ta' importaturi relatati bbażati fil-Komunità, il-prezz ta' l-esportazzjoni kien mibni, skond l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, kif ġie stabbilit fil-premessa 53 hawn fuq.

2.3. **Il-paragun**

(68) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu pparaguniti qabel ma ġew inklużi x-xogħlijiet, kif ġie deskritt fil-premessi 54 u 55 t'aktar 'il fuq, b'aġġustamenti, fejn ikun xieraq, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(69) Għall-bejgħ iggwidat mill-Indoneżja, ġie applikat aġġustament ta' 3,3 % għall-kummissjonijiet skond l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. L-ammont għall-kummissjonijiet kien ibbażat fuq il-bejgħ, fuq l-ispejjeż ġenerali u amministrattivi tal-kumpanija Indoneżjana flimkien ma' marġni ta' profitt ta' 3 %. Meta jitqies li l-profitt tal-kumpanija Indoneżjana kien influwenzat mill-bejgħ bejn il-kumpaniji relatati, il-marġni tal-profitt ta' 3 % kien iddeterminat fuq il-bażi ta' dak miksub minn kummerċjant mhux relatat.

(70) Esportatur ieħor qal li mal-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fil-Komunità għandu jiġi miżjud aġġustament sabiex jiġi spjegat il-fatt li l-kuntratt aħħari tagħhom (wara l-IP) mal-klijenti aħħari jagħti lok għal żjieda fil-prezz, allegatament biex jikkumpensa lill-esportatur għat-telf li ġarrab matul l-IP minħabba ż-żjieda fil-materja prima. Minħabba li ma sar l-ebda aġġustament fil-prezz matul l-IP u mhemm l-ebda evidenza ta' relazzjoni bejn il-kuntratt il-ġdid u l-evoluzzjoni mgħoddija ta' l-ispejjeż, dan ma jistax jingħata.

2.4. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(71) Il-marġnijiet tad-*dumping*, espressi bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni tas-CIF fuq il-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas, huma dawn li ġejjin:

— Dragonpak Industries (M) S/B, Johor Bahru	0 %
— Europlastics Malaysia S/B, Shah Alam	0 %
— Hond Tat Industries S/B, Klang	4,0 %
— Plastic V S/B, Klang	0 %
— Poly Carrier Industries S/B, Klang	0 %
— Sido Bangun S/B, Negri Sembilan	9,1 %
— Il-produtturi li jesportaw li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun	7,3 %
— Il-kumpaniji l-oħra kollha	9,1 %

(72) Il-Kummissjoni eżaminat jekk il-livell tad-*dumping* mal-pajjiż kollu għall-Malażja jistax jintwera li huwa 'l fuq mil-livell *de minimis* ta' 2 % kif provdut fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Tqies li kien xieraq għal dan il-fini li r-riżultati tal-kampjun jiġu estrapolati, inklużi l-kumpaniji bla ebda *dumping*, biex jiġi stmat il-livell tad-*dumping* tal-kumpaniji li ma ttieħdux bħala kampjun. L-ammont tad-*dumping* fil-kampjun, espress bħala perċentwali tal-valur CIF ta' l-esportazzjonijiet tal-kampjun, kien taħt it-2 %. Għalhekk, il-marġni tad-*dumping* ġenerali, li kien stabbilit għall-Malażja kien taħt il-livell *de minimis*. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-proċediment għandu jintemm rigward l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fil-Malażja u m'għandu jkun impost l-ebda dazju.

(73) L-industrija Komunitarja argumentat li l-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku ma jipprovdix għad-determinazzjoni ta' marġni tad-*dumping de minimis* mal-pajjiż kollu.

(74) L-interpretazzjoni ġiet irrifjutata mill-Kummissjoni. L-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku jiddikjara b'mod ċar li proċediment irid jintemm fejn il-marġni tad-*dumping* huwa inqas minn 2 %. Peress li proċediment jinfetaħ kontra pajjiż, dan jirreferi speċifikatament għal marġni mal-pajjiż kollu.

(75) L-industrija Komunitarja argumentat ukoll li l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku jipprovdi li marġnijiet żero u dawk *de minimis* m'għandhomx jitqiesu meta jiġi kkalkulat id-dazju tad-*dumping* applikabbli għall-produtturi li jesportaw li kkooperaw li huma barra mill-kampjun. Madanakollu, dan l-artikolu jistabbilixxi sempliċement dazju *massimu* applikabbli għal dawk il-produtturi li jesportaw, meta għandhom jiġu applikati d-dazji. Minħabba li l-produtturi li jesportaw Malażjani sabu li d-*dumping* jirrappreżenta biss sehem minuri mill-esportazzjonijiet totali mill-Malażja, tqies li kien xieraq, kif jissemma fil-premessa (72) hawn fuq, li l-kalkolu ta' mal-pajjiż kollu jiġi bbażat fuq l-estrapolazzjoni tar-riżultati tal-kampjun kollu.

3. IT-TAJLANDJA

3.1. **Il-valur normali**

(76) Tliet kumpaniji kellhom bejgħ domestiku rappreżentattiv b'mod globali. Madanakollu, minħabba n-nuqqas ta' tlaqqigħ tat-tipi domestiċi u ta' dawk esportati, il-valur normali għal dawn il-kumpaniji kellu jinbena skond il-metodoloġija ffissata aktar 'il fuq. Għall-kumpaniji mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv, il-valur normali wkoll kellu jinbena skond il-metodoloġija stabbilita aktar 'il fuq.

(77) Għal dawk it-tliet kumpaniji, intuża l-SG&A domestiku bbażat fuq il-bejgħ domestiku tagħhom stess. Għaż-żewġ kumpaniji mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv, ġie ddeterminat ammont għall-infiq SG&A fuq il-bażi ta' l-SG&A medju tat-tliet kumpaniji b'bejgħ domestiku.

(78) Għal żewġ kumpaniji b'bejgħ domestiku rappreżentattiv, intuża l-profitt li sar tul il-kors ordinarju tal-kummerċ Għat-tielet kumpanija b'bejgħ domestiku rappreżentattiv, ma setax jintuża l-profitt tagħha stess minħabba li inqas minn 10 % tal-bejgħ sar tul il-kors ordinarju tal-kummerċ.

(79) Ladarba l-ebda esportatur Tajlandiż ma kellu bejgħ domestiku profitabbli b'mod ġenerali, intuża marġni tal-profitt raġonevoli, ibbażat fuq il-profitt ta' kumpanija Tajlandiża fuq il-bejgħ fis-suq domestiku ta' l-istess kategorija ġenerali tal-prodotti, biex jinbena valur normali għaż-żewġ kumpanija bla ebda bejgħ domestiku, u għall-kumpanija waħdanija li għandha inqas minn 10 % tal-bejgħ domestiku li sar tul il-kors ordinarju tal-kummerċ, skond l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

3.2. **Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

(80) L-esportazzjonijiet tal-ħames produtturi li jesportaw li kkooperaw saru direttament lil klijenti indipendenti fil-Komunità. Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni għalhekk kienu bbażati fuq il-prezzijiet effettivament imħallsa jew li jistgħu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.3. **Il-paragun**

(81) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu pparagunati qabel ma ġew inklużi x-xogħlijiet, kif ġie deskritt aktar 'il fuq, b'aġġustamenti, fejn kien xieraq, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

3.4. **Il-marġnijiet tad-dumping**

(82) Il-marġnijiet tad-*dumping*, espressi bħala perċentwali tal-prezz ta' l-importazzjoni tas-CIF fuq il-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas, huma dawn li ġejjin:

— King Pac Industrial Co Ltd., Chonburi u Dpac Industrial Co., Ltd., Bangkok	14,3 %
— Multibax Public Co., Ltd., Chonburi	5,1 %
— Naraipak Co., Ltd. u Narai Packaging (Thailand) Ltd., Bangkok	10,4 %
— Sahachit Watana Plastic Industry Co., Ltd., Bangkok	6,8 %
— Thai Plastic Bags Industries Co., Ltd., Nakhonpathom	5,8 %
— Il-produtturi li jesportaw li kkoooperaw li mhumiex fil-kampjun	7,9 %
— Il-kumpaniji l-oħra kollha	14,3 %

4. IR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

4.1. **It-trattament ta' ekonomija tas-suq (MET) u t-trattament individwali**

(83) Fl-investigazzjonijiet *anti-dumping* li jikkonċernaw importazzjonijiet li joriġinaw fil-PRC, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skond il-paragrafi 1 sa 6 ta' l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku għal dawk il-produtturi li jesportaw li nstab li kienu jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c). Fil-qosor, u għal referenza aktar faċli biss, dawn il-kriterji huma miġbura fil-qosor hawn isfel:

(1) id-deċiżjonijiet u l-ispejjeż tan-negozju jsiru b'reazzjoni għall-kondizzjonijiet tas-suq u mingħajr interferenza sinifikanti min-naħa ta' l-Istat;

(2) ir-rekords tal-kontabilità jiġu vverifikati b'mod indipendenti, skond l-istandards internazzjonali tal-kontabilità u jiġu applikati għall-finijiet kollha;

(3) mhemm l-ebda tgħawwiġ sinifikanti li nżamm missistema ta' qabel li mhix ta' ekonomija tas-suq;

(4) iċ-ċertezza u l-istabbiltà legali jiġu provduti mil-liġijiet dwar il-falliment u dwar il-proprjetà;

u

(5) il-kambji tal-munita jsiru skond ir-rata tas-suq.

(84) Mill-produtturi li jesportaw li kkooperaw fil-PRC meqjusa għat-teħid ta' kampjuni, 108 talbu MET skond l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku u rrispondew għall-formola tat-talba għall-MET għall-produtturi li jesportaw

fl-iskadenzi taż-żmien mogħtija. 3 kumpaniji talbu l-IT biss u rritornaw il-formola tat-talba għall-MET parzjalment mimlija kif kien mitlub. Għall-għaxar kumpaniji investigati, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa u vverifikat l-informazzjoni mressqa fit-talbiet għall-MET fl-uffiċċji tal-kumpaniji konċernati.

(85) Ġie konkluż li mill-għaxar produtturi li jesportaw Ċiniżi li kienu investigati, disgħa wrew li jissodisfaw il-ħames kriterji ta' l-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku, u għalhekk għandhom jingħataw l-MET, filwaqt li l-produttur esportat li fadal m'għandux jingħata l-MET.

(86) Barra minn hekk, għaż-żewġ produtturi li jesportaw Ċiniżi investigati li jifdal u għall-produttur wieħed li jesporta mhux magħżul fil-kampjun, instab li dawn ipprovdew informazzjoni falza u li tiżvija fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(87) Żewġ produtturi li jesportaw ma ddikjarawx ir-relazzjoni ta' bejniethom fit-tweġibiet rispettivi tagħhom għall-formola tat-talba ta' l-ekonomija tas-suq u fit-tweġiba għall-kwestjonarju ta' l-*anti-dumping* u wieħed minnhom ressaq evidenza falza sabiex parzjalment jaħbi r-relazzjoni eżistenti.

(88) F'dan il-kuntest għandu jingħad li hija prattika konsistenti tal-Kummissjoni li teżamina jekk grupp ta' kumpaniji relatati, b'mod sħiħ, jissodisfax il-kundizzjonijiet tal-MET. Dan huwa meħtieġ biex jiġi evitat l-iggwidar tal-bejgħ ta' grupp ta' kumpaniji permezz ta' waħda mill-kumpaniji relatati fil-grupp b'rata ta' dazju individwali u bi status tal-MET individwali, jekk jiġu imposti l-miżuri. Għalhekk, f'każijiet fejn kumpanija sussidjarja jew kwalunkwe kumpanija relatata oħra tkun il-produttriċi u/jew il-bejjiegħa tal-prodott ikkonċernat, il-kumpaniji l-oħra kollha relatati għandhom ikunu dikjarati bħala relatati sabiex ikun żgurat li l-kumpaniji relatati jirċievu marġni wieħed ta' *dumping*, jekk jiġu imposti l-miżuri. Barra minn hekk, il-kumpaniji relatati kollha involuti fil-produzzjoni jew fil-bejgħ tal-prodott ikkonċernat għandhom jipprovdu tweġiba għall-formola tat-talba għall-MET sabiex tkun tista' ssir verifika ta' jekk huma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi kollha relatati ikollhom ukoll iwieġbu għall-kwestjonarju.

(89) Fil-każ preżenti, għalkemm iż-żewġ kumpaniji wettqu b'mod individwali l-obbligu tagħhom li jissottomettu formola għat-talba tal-MET, il-kumpaniji relatati ppruvaw jaħbu r-relazzjoni tagħhom. Peress li r-relazzjoni ma kinitx żvelata, waħda miż-żewġ kumpaniji relatati ma kinitx investigata flimkien ma' l-oħra li kienet magħżula fil-kampjun, kif normalment ikun il-każ. L-informazzjoni mressqa lill-Kummissjoni għalhekk ma ppermettietx investigazzjoni xierqa tal-kumpaniji kollha relatati fil-grupp. Dan wassal biex ma setax ikun stabbilit jekk il-grupp, b'mod sħiħ, issodisfax il-kundizzjonijiet għall-MET.

(90) B'dan il-mod, kemm il-produttur li jesporta investigat u l-kumpanija relatata tiegħu, produttur involut fil-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat, kienu ddikjarati bħala produtturi li jesportaw li ma kkooperawx.

(91) Għall-kumpanija l-oħra li jifdal, instabet evidenza li din kienet konxjament ressqet informazzjoni żbaljata fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju f'dak li kellu x'jaqsam mal-bejgħ għall-esportazzjoni kif ukoll ressqet fatturi ta' l-esportazzjoni falsifikati matul iż-żjara ta' verifika, kif stabbilit fil-premessa (112) ta' hawn taħt. Ġie meqjus li peress li din il-kumpanija kienet ġiet dikjarata bħala esportatur li ma kkooperax, ma kienet relevanti l-ebda determinazzjoni fir-rigward tat-talba tagħha għall-MET, ladarba ma seta' jiġi kkalkolat l-ebda marġni għal din il-kumpanija fiċ-ċirkostanzi preżenti.

(92) Il-prodotturi li jesporataw ikkonċernati u l-industrija Komunitarja ngħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar is-sejbiet ta' hawn fuq.

(93) Il-produttur li jesporta Ċiniż li fadal u li ġie msemmi fil-premessa (85) ma setax juri li ssodisfa l-kriterji 1, 2 u 3 t'aktar 'il fuq u għalhekk ġie rrifjutat l-MET. L-investigazzjoni ta' din il-kumpanija u tal-kumpaniji relatati tagħha wriet li dan il-grupp jinkludi żewġ entitatijiet li jipproduċu, b'waħda tkun il-kumpanija Ċiniża u l-oħra tkun fergħa fiċ-Ċina tal-kumpanija *parent* ta' Ħong Kong. Il-kumpanija ma setgħetx turi li l-ġestjoni ta' din il-fergħa mhix influwenzata mill-Istat Ċiniż. Barra minn hekk, il-liċenzja tan-negozju tal-kumpanija li tipproduċi Ċiniża

tiddikjara li perċentwali minima tal-produzzjoni għandha tiġi esportata. Il-kumpanija qalet li setgħet tikseb il-permess li tbiegħ fis-suq domestiku mill-awtoritajiet lokali, jiġifieri tikseb liċenzja ta' negozju mhux ristrett. Madanakollu, ma ssostanzjatx din l-allegazzjoni u lanqas ma talbet għat-tneħħija tar-restrizzjoni appartenti mil-liċenzja tan-negozju tagħha, lanqas ma bidlet l-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni tagħha fejn ir-rekwiżit għall-esportazzjoni ma kienx inkluż. Għaldaqstant, qed jiġi konkluż li l-kumpanija ma pprovdietx biżżejjed evidenza li tista' tbigħ bil-libertà kollha u b'mod flessibbli skond is-sinjali tas-suq, li kieku jinkludi li tista' tbiegħ fis-suq domestiku. Din ir-restrizzjoni ġejja minn interferenza sinifikanti min-naħa ta' l-Istat, jiġifieri liċenzja tan-negozju li tillimita l-ambitu ta' l-attività tal-kumpanija rigward is-suq ta' l-esportazzjonijiet.

(94) Dak li ntqal aktar 'il fuq ifisser li t-talba tal-kumpanija għal trattament individwali ("IT") ġiet irrifjutat ukoll għaliex il-kumpanija ma ssodisfatx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 9(5)(b) tar-Regolament bażiku, jiġifieri li l-prezzijiet u l-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni kienu determinati bil-libertà kollha.

(95) Rigward il-kriterju 2, meta jitqies li l-fergħa tal-kumpanija *parent* ta' Ħong Kong tiġi ġestita fuq bażi ta' flus kontanti, jitqies li l-kontijiet tagħha ma jikkonformawx mal-prinċipju ta' l-akkumulazzjoni skond l-istandards internazzjonali tal-kontabilità ("IAS"). Barra minn hekk, in-nuqqas ta' separazzjoni fl-operazzjonijiet ta' din il-fergħa minn dawk tal-kumpanija li tipproduċi l-oħra jixħet dubji serji fuq kemm huma eżatti l-kontijiet taż-żewġ entitajiet, b'mod partikolari fejn għandhom x'jaqsmu l-ispejjeż. Għal-hekk, it-tieni kriterju għall-MET ma jistax jitqies li ġie sodisfatt.

(96) Fejn għandhom x'jaqsmu d-drittijiet għall-użu ta' l-art u għall-bini ta' fabbrika ta' din il-fergħa, il-kumpanija ma wrietx b'mod ċar kif kienu akkwistati, jew jekk humiex soġġetti għal deprezzament. Għalhekk, it-tielet kriterju għall-MET ma jistax jitqies li ġie sodisfatt jekk jitqies li l-kumpanija ma wrietx li l-ebda tgħawwiġ ma nżamm mis-sistema ta' qabel li mhix ta' ekonomija tas-suq f'relazzjoni mad-drittijiet għall-użu ta' l-art u ta' l-akkwist tal-bini tal-fabbrika.

(97) Produttur li jesporta Ċiniż ieħor fil-liċenzja tan-negozju u fl-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni tiegħu, kellu dispożizzjoni li tiddikjara li 100 % tal-produzzjoni tal-kumpanija għandha tkun esportata. Bħala tali, il-kumpanija kienet soġġetta għal obbligu ta' esportazzjoni matul l-IP u l-Kummissjoni għall-bidu kkonkludiet li ma kinitx ħielsa li tieħdu deċiżjonijiet dwar negozju skond is-sinjali tas-suq u għalhekk, l-ewwel kriterju għall-MET ma kienx sodisfatt. Madanakollu, din il-kumpanija ressqet evidenza li dawn ir-restrizzjonijiet tneħħew f'Marzu 2006. Il-kumpanija ssostanzjat ukoll id-deċiżjoni tagħha li ma tbigħx fis-suq domestiku fil-perjodu sa u li jinkludi l-IP billi pprovdiet evidenza li din id-deċiżjoni ttieħdet esklużivament min-ħabba s-sitwazzjoni tal-kumpanija u tal-prospetti tas-suq tagħha, u għalhekk minkejja r-rekwiżit tal-bejgħ mill-esportazzjoni fil-liċenzja tan-negozju, tabilħaqq, kienet ħielsa mill-interferenza min-naħa ta' l-Istat. Minħabba li l-liċenzja tan-negozju tal-kumpanija m'għadiex tinkludi r-rekwiżit tal-bejgħ mill-esportazzjoni, u li l-kumpanija ssostanzjat il-pretensjoni tagħha li r-restrizzjoni apparenti diġà ma kinitx tapplika aktar qabel ma tneħħiet, il-kumpanija tissodisfa l-ewwel kriterju għall-MET.

(98) Il-gvern Ċiniż u diversi esportaturi argumentaw li l-Kummissjoni ħadet deċiżjoni biss dwar l-istatus tal-MET tal-kumpaniji li ntgħażlu fil-kampjun, u għalhekk naqset milli tindirizza t-talbiet għall-MET ta' madwar 100 kumpanija li ma ntgħażlux fil-kampjun. Skond it-talba tagħhom, il-Kummissjoni hija obbligata li tieħu deċiżjonijiet individwali fir-rigward tat-talbiet mressqa għall-MET irrispettivament minn jekk l-esportatur ikunx magħżul fil-kampjun jew le.

(99) Għandu jingħad li f'dan il-proċediment il-Kummissjoni kienet iffaċċjata b'numru mingħajr preċedenti ta' esportaturi li kkooperaw, jiġifieri aktar minn 100. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni kellha tiżgura li l-investigazzjoni tkun tista' titwettaq bir-riżorsi disponibbli, fil-qafas legali ta' żmien u mingħajr ma tikkompromett l-istandards ta' valutazzjoni tat-talbiet għall-MET.

(100) Il-Kummissjoni tqis li d-dispożizzjoni eżistenti dwar it-teħid ta' kampjuni (l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku) tinkludi b'mod sħiħ is-sitwazzjoni tal-kumpaniji li jitolbu MET. Tabilħaqq, bin-natura ta' l-eżerċizzju ta' teħid ta' kampjuni l-esportaturi huma mċaħħda l-valutazzjoni individwali kemm fil-pajjiżi ta' l-ekonomija tas-suq u kemm f'ekonomija tranżitorji, u l-konklużjonijiet milħuqa għall-kampjun huma estiżi għalihom.

(101) L-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku jistabbilixxi metodu ġenerali biex ikunu trattati sitwazzjonijiet fejn eżaminazzjoni individwali ma tkunx aktar possibbli minħabba n-numru kbir ta' kumpaniji involuti, jiġifieri l-użu tal-kampjun rappreżentattiv. M'hemm l-ebda raġuni għala dan il-metodu ma jistax ikun applikat bl-istess mod fejn in-numru kbir ta' kumpaniji involuti jinkludu numru kbir ta' kumpaniji li jitolbu MET.

(102) Tabilħaqq, il-kwistjoni ta' jekk kumpanija magħżula fil-kampjun applikatx għal jew irċivietx MET/IT jew le hija kwistjoni teknika u hija rilevanti biss għall-metodoloġija għad-determinazzjoni tal-marġni tad-*dumping*. Din teffettwa biss id-*data* użata għall-kalkolazzjoni tad-*dumping*, jiġifieri jekk tintużax id-*data* tal-kumpanija nnifisha jew id-*data* analoga tal-pajjiż. Bħal fi kwalunkwe każ ieħor ta' teħid ta' kampjuni, jiġi stabbilit medju mgħobbi (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-kumpaniji kollha magħżula fil-kampjun, irrispettivament mill-metodoloġija applikata għall-kalkolu tad-*dumping* fir-rigward ta' kull kumpanija bħala riżultat tal-valutazzjoni MET/IT. Il-MET/IT għalhekk m'għandux iċaħħad l-applikazzjoni tat-tekniki normali ta' teħid ta' kampjuni.

(103) Il-prinċipju ewlieni tat-teħid ta' kampjuni huwa li jibbilanċja l-ħtiġijiet amministrattivi sabiex jippermetti valutazzjoni tal-każ f'perjodu xieraq ta' żmien u fi ħdan il-marġni ta' dati mandatorji ta' skadenza, b'analiżi individwalizzata bl-aħjar possibbli. In-numru ta' talbiet għall-MET f'dan il-każ kien tant kbir li l-eżaminazzjoni individwali tat-talbiet — kif ġieli jiġri f'każi oħra — kienet amministrattivament impossibbli. Għalhekk, tqis raġonevoli li jkun applikat bl-istess mod lill-kumpaniji kollha mhux magħżula fil-kampjun il-medju mgħobbi (bil-komponenti ta' mejda ta' fatturi) tal-marġni li rriżulta mill-kumpaniji kollha magħżula fil-kampjun, skond il-kriterji stabbiliti fil-premessa (17), mingħajr ma ssir l-ebda distinzjoni bejn il-kumpaniji li jiksbu l-MET/IT jew le.

(104) L-industrija Komunitarja kkontestat l-għoti tal-MET lil 5 mill-kumpaniji li d-dettalji tagħhom ingħataw aktar 'il fuq.

(105) L-industrija Komunitarja argumentat li waħda mill-kumpaniji li ngħatat l-MET titqies b'mod wiesa' bħala kumpanija Statali, u li billi sa ftit ilu kienet waħda mill-gruppi kummerċjali ewlenin proprjetà ta' l-Istat, għadu probabbli li tibbenefika minn pożizzjoni ta' favur rigward l-Istat Ċiniż, u li tkun influwenzata minnu. L-industrija Komunitarja ġibdet ukoll l-attenzjoni għall-fatt li t-trasferiment ta' l-assi mill-kumpanija li qabel kienet proprjetà ta' l-Istat għall-kumpanija korrenti għandha effetti pontenzali li ġejjin mill-imgħoddi. Il-Kummissjoni vverifikat l-istrutturi ta' sjieda u ta' kontroll ta' din il-kumpanija u kkonkludiet li sa mill-2002 ġiet ġestita minn investituri privati, ħielsa mill-kontroll ta' l-Istat. Il-Kummissjoni eżaminat ukoll it-trasferiment ta' l-assi mill-kumpanija proprjetà ta' l-Istat u hija sodisfatta li sar f'kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq. Ma ġiet ippreżentata l-ebda evidenza li għandha tisfida dawn il-konklużjonijiet. L-industrija Komunitarja argumentat ukoll li minħabba li l-kumpanija bbenefikat minn sussidju fuq l-esportazzjoni, m'għandiex tingħata l-MET. Madanakollu, l-ammont u n-natura ta' dan is-sussidju ma jiġġustifikawx li l-MET ikun irrifjutat.

(106) Dwar kumpanija oħra li ngħatat l-MET, l-industrija Komunitarja qalet li ladarba l-esportazzjonijiet tagħha huma fil-biċċa l-kbira manifatturati permezz ta' arranġamenti għal ħlas għal servizz mal-kumpanija msemmija aktar 'il fuq, għandha wkoll tkun irifjutata l-MET. Madanakollu, jekk jitqies li nstab li l-kumpanija msemmija l-ewwel tissodisfa l-kriterji għall-MET, mhemm l-ebda raġuni biex jitqies li din il-kumpanija ma tissodisfax il-kriterji minħabba l-arranġament ta' ħlas minħabba servizzi bejn iż-żewġ kumpaniji.

(107) Dwar it-tielet kumpanija li ngħatat l-MET, l-industrija Komunitarja qieset li l-fatt li l-kumpanija għad trid tagħmel profitt ifisser li ma jistax ikun li qed topera skond kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq. Madanakollu, il-Kummissjoni qieset li dan mhux anormali matul il-fażi tal-bidu u huwa kompatibbli mal-kondizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq. L-industrija Komunitarja argumentat ukoll li l-fatt li l-liċenzja tan-negozju tal-kumpanija matul l-IP inkludiet rekwiżit ta' esportazzjoni minima mhux kompatibbli ma' l-ewwel kriterju għall-MET. Il-Kummissjoni madanakollu tqis li dan ma jammontax għal restrizzjoni effettiva matul l-IP. L-ewwelnett, peress li r-restrizzjoni tneħħiet fil-liċenzja tan-negozju ta' l-2005, u t-tieni minħabba li l-perċentwali tal-bejgħ mill-esportazzjoni kien dejjem ferm 'il fuq mil-limitu stipulat fil-liċenzja tan-negozju l-antika, li jindika li r-restrizzjoni fil-liċenzja tan-negozju diġà ma kinitx tapplika aktar. Fl-aħħarnett, l-industrija Komunitarja argumentat li rimarka ta' awditur dwar il-valutazzjoni tal-materja prima minn din it-tielet kumpanija tfisser li l-kontijiet tagħha mhumiex ta' min jistrieħ fuqhom. Il-Kummissjoni madanakollu tqis

li l-fatt li l-awditur għamel din ir-rimarka, u li l-kumpanija ħadet miżuri biex tirrettifika s-sitwazzjoni, tikkonferma li l-kontijiet jiġu verifikati b'mod indipendenti u huma ta' min jistrieħ fuqhom.

(108) Dwar ir-raba' kumpanija li ngħatat l-MET, l-industrija Komunitarja qalet li kien hemm interferenza min-naħa ta' l-Istat fil-politika dwar ix-xogħol tal-kumpanija minħabba li l-amministrazzjoni lokali approvat il-kuntratt tax-xogħol użat. Madanakollu, din l-approvazzjoni kienet għall-istruttura tal-kuntratt mudell, u mhux għat-termini speċifiċi tiegħu. Bħala tali, dan ma tqiesx bħala interferenza min-naħa ta' l-Istat.

(109) Fl-aħħarnett, l-industrija Komunitarja ma qablitx ma' l-għoti ta' l-MET lill-ħames kumpanija li l-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni tagħha, matul l-IP, kienu jinkludu dispożizzjoni li l-produzzjoni kollha għandha tkun esportata. Madanakollu, din il-kumpanija biegħet il-prodott ikkonċernat fis-suq domestiku Ċiniż kemm qabel kif ukoll matul l-IP. Fl-2005, il-kumpanija neħħiet kwalunkwe restrizzjoni mill-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni tagħha u f'dawn iċ-ċirkostanzi mhemm l-ebda raġuni biex ma tingħatax l-MET.

(110) Iż-żewġ produtturi li jesportaw Ċiniżi msemmija fil-premessi (87) sa (90) li kienu ddikjarati bħala li ma kkooperawx, ma qablux mal-konklużjonijiet tas-servizzi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-fatt li huma għandhom jiġu ttrattati bħala li ma kkooperawx u li għalhekk għandhom jiġu miċħuda l-MET. Madankollu, il-kumpaniji ma pprovdewx spjegazzjoni jew element konvinċenti li seta' jċaħħad l-evidenza li għandha l-Kummissjoni u li nġabret matul iż-żjajjar ta' verifika fuq il-post fil-bini ta' waħda mill-kumpaniji. Għalhekk ġie kkonfermat li dawn għandhom jiġu ttrattati bħala produtturi li ma kkooperawx fil-proċediment u għalhekk ġew miċħuda l-MET.

(111) Il-Kumitat Konsultattiv kien ikkonsultat u l-partijiet direttament ikkonċernati kienu informati b'dan. L-argumenti ewlenin imqajma mill-esportaturi u mill-industrija Komunitarja diġà ġew diskussi aktar 'il fuq.

4.2. In-nuqqas ta' kooperazzjoni ma' l-investigazzjoni min-naħa tal-kumpaniji

(112) Il-Kummissjoni rċiviet diversi allegazzjonijiet fir-rigward tal-kumpanija deskritta fl-aħħar parti tal-premessa (86) li esprimiet dubju dwar il-validità ta' l-informazzjoni riċevuta mill-Kummissjoni matul l-investigazzjoni fuq il-post, fit-talbiet għall-MET u fit-tweġibiet għall-kwestjonarju. Dawn l-allegazzjoni ġew verifikati u fil-fatt instab li l-fatturi ta' l-esportazzjoni sottomessi waqt il-verifika fuq il-post setgħu ġew manipolati sabiex jidher ammont ferm għola fil-prezz għall-esportazzjoni.

(113) L-evidenza kienet ippreżentata lill-kumpanija, li kkontestat l-opinjoni li dan kien biżżejjed biex il-kumpanija titqies bħala li ma kkooperatx fl-investigazzjoni taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Madankollu, ma setgħetx tispjega d-differenza bejn dawn id-dokumenti, u għalhekk ġie konfermat li din għandha tkun ittrattata bħala kumpanija li ma kkooperatx fil-proċediment. Tabilħaqq, minħabba n-natura tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, jiġifieri s-sottomissjoni ta' informazzjoni żbaljata u l-falsifikazzjoni ta' dokumenti, kif ukoll iż-żmien meta dan ġie żvelat, jiġifieri qrib it-tmiem ta' l-investigazzjoni, l-informazzjoni mressqa minn din il-kumpanija għandha tiġi miċħuda kompletament peress li ma jistax jiġi eskluż li informazzjoni u dokumenti oħra huma effettwati bl-istess mod b'imġiba ta' dan it-tip.

4.3. Il-valur normali

4.3.1. *Id-determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi li jesportaw li ngħataw l-MET*

(114) Tliet kumpaniji mis-sebgħa li ngħataw l-MET kellhom bejgħ domestiku li kien rappreżentattiv b'mod globali. Madanakollu, minħabba n-nuqqas ta' tlaqqigħ tat-tipi domestiċi u dawk esportati, għal dawn il-kumpaniji l-valur normali kellu jinbena skond il-metodoloġija stabbilità aktar 'il fuq. Għall-erba' kumpaniji mingħajr bejgħ domestiku rappreżentattiv li fadal, il-valur normali wkoll kellu jinbena skond il-metodoloġija stabbilita aktar 'il fuq.

(115) Għat-tliet kumpaniji b'bejgħ domestiku rappreżentattiv, intuża l-profitt tagħhom li sar tul il-kors ordinarju tal-kummerċ, kif ukoll l-SG&A domestiku bbażat fuq il-bejgħ domestiku tagħhom.

(116) Għall-erba' kumpaniji li fadal li ngħataw l-MET u li ma kellhomx bejgħ domestiku rappreżentattiv, ammont għall-infiq SG&A kien iddeterminat fuq il-bażi ta' l-SG&A medju tat-tliet kumpaniji b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(117) Peress li produttur li jesporta Ċiniż wieħed biss li ngħata l-MET kellu bejgħ domestiku ġenerali bi qligħ tal-prodott simili, intuża marġni raġonevoli ta' profitt ibbażat fuq il-profitt ta' din il-kumpanija waħda fuq il-bejgħ fis-suq domestiku ta' l-istess kategorija ġenerali ta' prodotti sabiex jinbena valur normali għall-erba' kumpaniji li ma kellhomx bejgħ domestiku, skond l-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku.

4.3.2. *Id-determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi li jesportaw li ma ngħatawx l-MET*

(a) Il-pajjiż analogu

(118) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, f'ekonomiji fi tranżizzjoni, il-valur normali għall-produtturi li jesportaw li ma ngħatawx l-MET irid jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur mibni f'pajjiż analogu.

(119) Fl-avviż tal-bidu, l-Istati Uniti kienu proposti bħala pajjiż analogu xieraq sabiex jiġi stabbilit valur normali għall-PRC. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jikkumentaw dwar dan.

(120) Diversi partijiet interessati ressqu kummenti fejn ġew proposti l-Malażja, it-Tajlandja, l-Indoneżja jew l-Indja bħala pajjiż analogu. Diġà kienet disponibbli informazzjoni li tirrelata mal-produtturi fil-Malażja u fit-Tajlandja permezz tal-kooperazzjoni tagħhom f'din l-investigazzjoni. Barra minn hekk, ġew ikkuntattjati kumpaniji magħrufa oħra fl-Istati Uniti, fl-Indoneżja u fl-Indja sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-pajjiżi jistgħux jintużaw bħala pajjiżi analogi. Kumpanija waħda biss fl-Istati Uniti u żewġ kumpaniji fl-Indja indikaw li kienu lesti li jikkooperaw, imma ma waslet l-ebda risposta għall-kwestjonarju minn kwalunkwe wieħed minn dawn il-produtturi.

(121) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-kumpaniji fil-pajjiżi analogi possibbli l-oħra, kienet eżaminata kemm kienet adattata l-Malażja. Instab li l-Malażja għandha suq domestiku rappreżentattiv, fejn medda wiesgħa ta' tipi tal-prodott ikkonċernat jiġu prodotti u mibjugħa u numru kbir ta' forniturі żguraw livell biżżejjed ta' kompetizzjoni. L-investigazzjoni stabbiliet li sar bejgħ domestiku sinfikanti tul il-kors ordinarju tal-kummerċ minn tliet produtturi li jesportaw li kkooperaw li ttieħdu bħala kampjun fil-Malażja.

(122) Wara l-iżvelar tad-dokument ta' informazzjoni tal-Kummissjoni li ppropona lill-Malażja bħala pajjiż analogu, l-industrija Komunitarja argumentat li l-Kummissjoni għandha tuża lill-Istati Uniti ta' l-Amerika bħala pajjiż analogu, minħabba s-suq domestiku żgħir fil-Malażja u d-dazji fuq l-importazzjoni għoljin li hemm fis-seħħ meta jiġu pparagunati ma' dawk ta' l-Istati Uniti.

(123) Dan l-argument kien irrifjutat minħabba l-bejgħ domestiku sinfikanti fil-Malażja tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, instab li filwaqt li d-dazji fuq l-importazzjoni fil-Malażja kienu għoljin (30 %), l-importazzjonijiet mill-pajjiżi ASEAN, li kienu sinifikanti, ibbenefikaw minn rata preferenzjali (5 %) li kienet skond id-dazji fl-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ta' min jinnota wkoll li minkejja l-aħjar sforzi tal-Kummissjoni, ma waslet l-ebda kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur ta' l-Istati Uniti tal-prodott ikkonċernat.

(124) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-kumpaniji fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, fl-Indja u fl-Indoneżja, u s-sejba ta' l-ebda *dumping* mill-Malażja, kien deċiż li l-Malażja tintuża bħala pajjiż analogu għall-PRC.

(b) Il-valur normali

(125) Skond l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali għall-produttur li jesporta li ma ngħatax l-MET kien stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni verifikata li waslet mingħand il-produttur fil-pajjiż analogu, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa jew li jistgħu jitħallsu fis-suq domestiku tal-Malażja, għat-tipi ta' prodott li nstab li jsiru tul il-kors ordinarju tal-kummerċ, skond il-metodoloġija stabbilita aktar 'il fuq. Fejn kien meħtieġ, dawk il-prezzijiet kienu aġġustati sabiex ikun żgurat paragun ġust ma' dawk it-tipi ta' prodott esportati lejn il-Komunità mill-produttur Ċiniż ikkonċernat.

(126) Għaldaqstant, il-valur normali kien stabbilit bħala l-prezz tal-bejgħ domestiku medju mgħobbi (bil-komponenti talmedja ta' fatturi), tul il-kors ordinarju tal-kummerċ, lil klijenti li mhumiex relatati mill-produtturi li kkooperaw fil-Malażja li għandhom bejgħ domestiku rappreżentattiv.

4.4. **Il-prezz ta' l-esportazzjoni**

(127) Il-produtturi li jesportaw Ċiniżi għamlu l-bejgħ mill-esportazzjoni lejn il-Komunità jew direttament lil klijenti indipendenti jew permezz ta' kumpaniji kummerċjali li jinsabu f'Ħong Kong u fil-Komunità. Il-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu ddeterminati billi ntużat il-metodoloġija ġenerali stabbilita aktar 'il fuq. Għall-bejgħ iggwidat permezz ta' kumpaniji tal-bejgħ relatati f'Ħong Kong, kien applikat aġġustament għall-kummissjonijiet skond l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku. L-ammont għall-kummissjoni kien ibbażat fuq l-infiq tal-SG&A tal-kumpanija tal-bejgħ u kien użat marġni ta' profitt ta' 3 % ibbażat fuq l-informazzjoni miġbura millkummerċjanti li mhumiex relatati f'ĦK.

4.5. **Il-paragun**

(128) Il-valur normali u l-prezzijiet ta' l-esportazzjoni kienu pparagunati qabel ma ġew inklużi x-xogħlijiet, kif ġie deskritt aktar 'il fuq, b'aġġustamenti, fejn kien xieraq, skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(129) Produttur li jesporta Ċiniż talab aġġustament skond l-Artikolu 2(10)(d) tar-Regolament bażiku, li jikkorrispondi għall-valur tas-suq tad-differenza fil-livelli tal-kummerċ bejn il-bejgħ mill-esportazzjoni u whud mill-bejgħ fis-suq domestiku. Madanakollu, l-ammonti mitluba millkumpanija ma setgħxu jiġu appoġġati permezz tad-differenza korrispondenti fil-livelli tal-prezzijiet fis-suq domestiku u għalhekk l-aġġustament ma ngħatax.

4.6. **Il-marġnijiet ta' dumping**

(130) Il-marġnijiet tad-*dumping*, espressi bħala perċentwali talprezz ta' l-importazzjoni tas-CIF fuq il-fruntiera Komunitarja, bid-dazju mhux imħallas, huma dawn li ġejjin:

— Cedo (Shanghai) Limited u Cedo (Shanghai) Household Wrappings Co., Ltd., Shanghai	7,4 %
— Chun Yip Plastics (Shenzhen) Ltd., Shenzhen	14,8 %
— Huizhou Jun Yang Plastics Co., Ltd., Huizhou	4,8 %
— Jinguan (Longhai) Plastics Packing Co., Ltd., Longhai	5,1 %
— Sunway Kordis (Shanghai) Ltd. u Shanghai Sunway Polysell Ltd, Shanghai	4,8 %
— Suzhou Guoxin Group Co. Ltd, Suzhou Guoxin Group Taicang Yihe Import & Export Co., Ltd, Taicang Dongyuan Plastic Co., Ltd. u Suzhou Guoxin Group Taicang Giant Packaging Co., Ltd., Taicang	7,8 %
— Zhong Shan Qi Yu Plastic Products Co., Ltd., Zhongshan	5,7 %
— Il-produtturi li jesportaw li kkooperaw li ttieħdu bħala kampjun u li ma ngħatawx l-IT, u l-produtturi li jesportaw li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun	8,4 %
— Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd. u Wuxi Best-pac Packaging Co., Ltd., Wuxi (mhumiex parti mill-kampjun)	12,8 %
— Il-kumpaniji l-oħra kollha	28,8 %

(131) Ġie kkalkulat marġni ta' *dumping* għall-kumpanija fil-kampjun li kkooperat u li ma kinitx mogħtija MET jew IT, kif muri hawn fuq, bil-għan li jiġi kkalkulat marġni medju ta' *dumping* għall-kampjun shiħ. Madankollu, dik il-kumpanija mhux se tirċievi rata ta' dazju individwali, kif deskritt fil-premessa (227), peress li ma ngħatatx MET jew IT.

E. **IL-ĦSARA**

1. IL-PRODUZZJONI KOMUNITARJA

(132) Il-prodott ikkonċernat huwa manifatturat fil-Komunità minn mijiet ta' produtturi. L-industrija hija ferm ifframmentata u tinkludi b'mod predominanti lil kumpaniji żgħar u ta' daqs medju.

(133) Fil-kalkolu tal-produzzjoni Komunitarja, matul l-IP, il-konsum Komunitarju stmat li kien stmat kif ġie spjegat fil-premessi (158) sa (159) aktar 'l isfel, ittieħed bħala l-punt tat-tluq. L-importazzjonijiet fil-Komunità, kif irreġistrati mill-Eurostat, tnaqqsu mill-figura tal-konsum. Il-figura tal-produzzjoni li rriżultat kienet aġġustat, fejn kien meħtieġ, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mressqa mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-produtturi. Sussegwentement, din il-kwantità kienet imnaqqsa bil-kwantitajiet tal-produzzjoni tal-kumpanija li ma ġewx inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija Komunitarja kif imsemmija fil-premessa 153 t'aktar 'l isfel. Il-kalkolu rriżulta fi produzzjoni Komunitarja totali ta' 1 175 000 tunnellata metrika.

(134) Ċerti produtturi li jesportaw, importaturi u bejjiegħa bl-imnut argumentaw li l-perċentwali tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja f'relazzjoni mal-produzzjoni Komunitarja totali kienet taħt il-25 %, u għalhekk il-proċediment għandu jintemm minħabba nuqqas ta' appoġġ għall-każ. Din is-sottomissjoni kienet ibbażata fuq l-argument li skond fornitur kummerċjali ewlieni ta' l-informazzjoni dwar is-suq, l-AMI ([1]), il-kwantità stmata tal-film tal-polietelin estruż li ntuża għall-produzzjoni tal-prodott investigat għandha tammonta għal aktar mill-figura tal-produzzjoni Komunitarja użata fil-valutazzjoni ta' l-appoġġ.

(135) L-AMI jipprovdi ċerta informazzjoni dwar l-industrija tal-film tal-polietelin fiż-żewġ rapporti tiegħu li ġejjin li ssemmew minn ċerti partijiet:

— Polyethylene film extruders, 6th edition [L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5),

u

— Polyethylene film industry in Europe, 7th edition [L-industrija tal-film tal-polietelin fl-Ewropa, is-seba' edizzjoni] (u ISBN 1 904188 17 6)

(136) Fuq it-talba tal-Kummissjoni, l-AMI ta permess biex ikunu riprodotti siltiet mir-rapporti msemmija aktar 'il fuq. Ta' min jinnota li fl-"Avviż tal-pubblikatur" għal dawn ir-rapport, l-AMI jsemmi b'mod ċar li "mhi aċċettata l-ebda responsabbiltà legali għal kwalunkwe żball jew omissjoni f'dik l-informazzjoni, kemm jekk żbalji jew omissjonijiet ta' din ix-xorta jirriżultaw minn traskuraġni, aċċident jew minn kwalunkwe każwa oħra, u mhi aċċettata l-ebda responsabbiltà rigward il-pożizzjoni ta' kwalunkwe ditta u kumpanija msemmija". Barra minn dan, il-permess biex tkun riprodotta l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti msemmija aktar 'il fuq inkiseb biss bla ħsara għad-dikjarazzjoni ta' ċaħda speċifika li ġejja: "[L-AMI] mhumiex responsibbli għal kwalunkwe interpretazzjoni ħażina ta' l-informazzjoni tagħna min-naħa ta' kwalunkwe wieħed mill-kuntatti ta' l-industrija li kkomunikaw ma' [il-Kummissjoni] jew tabilħaqq għall-interpretazzjoni li ssir tad-data [ta' l-AMI] mill-Kummissjoni Ewropea".

(137) Ta' min jinnota wkoll li, filwaqt li l-AMI jipprovdi ċerta informazzjoni dwar l-industrija tal-film tal-polietelin fiż-żewġ rapport msemmija aktar 'il fuq, ma jippreżenta l-ebda stima tad-daqs tas-suq tal-prodott investigat fil-Komunità bħala tali. Ir-rapporti ta' l-AMI jistmaw l-applikazzjonijiet ta' l-użu aħħari tal-film tal-polietelin estruż kif ġej ([2]):

Il-grupp tal-prodotti	% ta' l-applikazzjonijiet ta' l-użu aħħari tal-film tal-polietelin
(i) Coex/film tal-laminar	8,2 %
(ii) Film ieħor	6,8 %
(iii) *Shrink film* (film tal-plastik li jiqsar xi ftit u jintrass)	13,8 %
(iv) *Stretch film* (film tal-plastik li jiġġebbed)	14,4 %
(v) Agrikoltura/bini	8,0 %
(vi) Film fuq il-bobina	15,3 %
(vii) Xkejjer li jifilħu l-istrapazz	7,5 %
(viii) Xkejjer għaż-żibel	5,8 %
(ix) Xerrejja	8,3 %
(x) Basktijiet/xkejjer oħra	11,9 %
Total	100 %

([1]) Applied Market Information Ltd, l-indirizz web: www.amiplastic.com.

([2]) L-AMI (l-indirizz web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition [L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 12.

(138) Ir-rapporti ta' l-AMI [1] ma jiddefinixxux il-metodi preċiżi għall-kalkolu tal-figuri tal-produzzjoni jew tal-konsum tal-materja prima. Fir-rapporti huwa stmat li l-konsum tal-polietelin għall-estrużjoni tal-film fl-Ewropa, kif iddefinit fil-premessa 139 t'aktar 'l isfel, kellha tkun ta' 7 699 000 tunnellata metrika fl-2004. Meta jsemmi l-produzzjoni, l-AMI jirreferi għall-figuri ta' l-ammont ipproċessat fl-impjanti, li kif jintwera mill-investigazzjoni, is-soltu jirrappreżenta l-kwantità ta' polietelin ipproċessata permezz ta' estrużur. Rigward il-produzzjoni ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet, din il-figura ta' l-ammont ipproċessat għandha tinkludi l-kwantitajiet ta' skart industrijali (l-iskart tal-qtugħ, l-iskart tal-bidu u film estruż ta' kwalità inferjuri ieħor) li effettivament jiġi riċiklat fil-proċess. Għalhekk, ir-riċiklaġġ ta' dan l-iskart għandu jirriżulta f'għadd doppju għaliex ċerti kwantitajiet tal-materja prima oriġinarjament mhux mimsusa jiġu mgħoddija mill-proċess ta' estrużjoni aktar minn darba.

(139) L-AMI jesprimi l-figuri tal-produzzjoni kollha bħala perċentwali li jirrappreżentaw l-applikazzjonijiet ta' użu aħħari tal-konsum tal-polietelin għall-estrużjoni tal-film fl-Ewropa. Il-kopertura ġeografika tar-rapport fi Franza, fil-Ġermanja, fl-Italja, fir-Renju Unit, fil-Benelux (il-Belġju u l-Olanda), fl-Iskandinavja (id-Danimarka, il-Finlandja, in-Norveġja u l-Iżvezja), fi Spanja, f'pajjiżi oħra tal-Punent ta' l-Ewropa (l-Awstrija, l-Irlanda, il-Greċja, il-Portugall, l-Iżvizzera) u fl-Ewropa Ċentrali (il-Polonja, l-Ungerija, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka u dik Slovakka) [2]. Ir-rapport ma jkoprix lill-Estonja, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Malta u lil Ċipru minn fost l-Istati Membri u ma jkoprix lill-Iżvizzera, lin-Norveġja u lir-Rumanija li ma jaqgħux taħt l-ambitu ta' din l-investigazzjoni.

(140) Peress li l-figuri ta' l-AMI jkopru reġjun ġeografiku differenti minn dak tal-Komunità, l-ewwel kellu jiġi stabbilit il-konsum tal-polietelin għall-estrużjoni fil-Komunità. F'dan ir-rigward, iż-żewġ forniturі tar-reżina tal-polietelin fil-Komunità qalu li matul l-2004 il-konsum tar-reżina tal-polietelin għall-estrużjoni tal-film varja bejn 6 100 000 u 6 500 000 tunnellata metrika fil-Komunità. Il-kwantitajiet imsemmija aktar 'l isfel, għalhekk, ġew ikkalkulati billi ntużat din il-medda ta' konsum.

(141) Il-partijiet imsemmija fil-premessa 134 argumentaw li l-kategoriji (vi), (ix), (x) u (xi) tal-kategoriji elenkati aktar 'il fuq fil-premessa 137 għandhom jiġu inklużi fil-prodott investigat b'mod parzjali jew b'mod sħiħ.

(142) Jidher ċar li l-kategorija "xerrejja" għandha taqa' fil-prodott investigat ibbażat fuq il-karatteristiċi fiżiċi tagħhom li jirrappreżentaw 8.3 % (jiġifieri, minn 506 300 sa 539 500 tunnellata metrika) ta' użi aħħarija. Madanakollu, huwa wkoll probabbli li parti mill-ixkejjer għaż-żibel, li jirrappreżentaw b'kollox 5.8 % (jiġifieri minn 353 800 sa 377 000 tunnellata metrika) ta' l-użi aħħarija, ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni għaliex huwa probabbli li l-ixkejjer għaż-żibel jinkludu xkejjer li huma eħxen minn 100 microns u b'hekk parti minn din il-kategorija għandha tiġi eskluża mid-definizzjoni.

(143) Ċerti partijiet allegaw li sa 65 % tal-kategorija msejħa "film fuq il-bobina" (li tirrappreżenta 15.3 % [3] ta' l-użi aħħarija totali) għandha taqa' taħt id-definizzjoni tal-prodott investigat. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li l-AMT nnifsu jsemmi din il-kategorija bħala li tinkludi użi "bħal film tal-londri, film ta' l-iġjene, karta assorbenti tat-tgeżwir (*tissue overwrap*) u films għall-ħarsien ġenerali tas-superfiċji". Ta' min jinnota li l-applikazzjonijiet ta' użu aħħari msemmija jiġu ddefiniti bħala "film" u b'hekk ma jaqgħux taħt il-kategorija ta' basktijiet u xkejjer. Barra minn hekk, verifiki fil-post imwettqa matul l-investigazzjoni fl-uffiċċji ta' seba' impjanti ta' produzzjoni ta' ħames produtturi Komunitarji f'żewġ pajjiżi wrew li l-film fuq il-bobina, estruż esternament, ma ntużax fil-produzzjoni tal-prodott simili. Barra minn hekk, iż-żjarat ta' verifika mwettqa fl-uffiċċji ta' 21 produttur li jesporta fit-tliet pajjiżi konċernati ma taw l-ebda appoġġ lill-pretensjoni li l-film fuq il-bobina, estruż esternament, għandu jintuża fil-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Ibbażat fuq dak li ntqal aktar 'il fuq, l-argument li parti kbira mill-kategorija "film fuq il-bobina" għandha tiġi inkluża fil-produzzjoni tal-prodott simili fil-Komunità kellu jiġi rifjutat.

(144) Intqal ukoll minn uħud mill-partijiet li l-applikazzjoni ta' użu aħħari ddefinita fir-rapport bħala "basktijiet/xkejjer oħra", li jirrappreżentaw 11.9 % [4] ta' l-użi aħħarija totali, għandha tkun inkluża fil-figuri tal-produzzjoni Komunitarja. Ta' min jinnota li dawn il-partijiet ma ssostanzjawx din il-pretensjoni f'termini ta' kwantitajiet. Din il-kategorija hija rrappurtata bħala "film ieħor", fil-"Gwida ta' l-AMI għall-industrija tal-polietelin fl-Ewropa" fil-figuri tal-produzzjoni speċifiċi għall-pajjiż u f'dan il-livell mhix iddefinita bħala basktijiet jew xkejjer. Filwaqt li mhux ċar liema prodotti huma inklużi mill-AMI fil-kategorija "xkejjer u basktijiet oħra", għall-inqas dawk il-prodotti kollha li ma jaqgħux taħt id-deskrizzjoni tal-prodott għandhom jiġu esklużi minn din l-istima. F'dan ir-rigward, skond ċertu parti, il-kategorija "xkejjer u basktijiet oħra" tinkludi wkoll il-films użat għall-"FFS — ippakkjar" għall-ikel jew "ifformar, mili u ssiġillar — ippakkjar", li huwa tip ta' ppakkjar

[1] L-AMI (l-indirizz web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition [L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 10.

[2] L-AMI (indirzz tal-web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition [L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 7.

[3] L-AMI (indirizz tal-web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 12.

[4] L-AMI (indirizz tal-web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 6.

fejn il-basket jiġi ffurmat, mimli u ssiġillat fi proċess integrat. It-tagħmir ta' l-FFS huwa tipikament għalkollox awtomatiku. Dan il-prodott ma jinbiegħx bħala basktijiet jew bħala xkejjer u l-importazzjonijiet ta' dan il-prodott lanqas ma jaqgħu fil-kodiċijiet NM 3923 21 00, 3923 29 10 u 3923 29 90. Minħabba li l-istimi tal-partijiet interessati, li jikkonċernaw is-sehem tal-prodott investigat f'dan il-grupp, varjaw bejn il-15 % u l-100 % u ma kinux issostanzjati, ma kienx possibbli li ssir stima eżatta dwar liema proporzjon ta' dan il-grupp għandu jkun inkluż fil-prodott investigat. Għalhekk, minħaba l-fatt li kien hemm nuqqas ta' kwalunke informazzjoni sostanzjata f'dan ir-rigward, tqis raġonevoli li jiġu inklużi 50 % ta' din il-kategorija ta' prodott għall-finijiet ta' dan il-kalkolu. Il-produzzjoni li tirriżulta f'dan il-grupp għalhekk għandha tkun fil-medda bejn 363 000 u 387 000 tunnellata metrika.

(145) Ċerti partijiet qalu li għall-produzzjoni tal-prodott simili għandhom jintużaw sa 1 000 tunnellata metrika ta' materjal riċiklat. Skond l-AMI, madwar 1 000 tunnellata metrika [1] ta' materjal riċiklat għandu tabilħaqq jintuża fl-estrużjoni tal-polietelin. L-AMI ma jispeċifikax f'liema kategoriji ta' prodott partikolari jista' jiġi allokat dan l-użu. Barra minn hekk, il-verifikati fil-post urew li hemm fornitment tabilħaqq limitat ta' materjal riċiklat ta' wara l-użu mill-konsumatur fis-suq, filwaqt li l-iskart industrijali maħluq fil-proċess ta' produzzjoni jiġi riċiklat b'mod effiċjenti. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-iskart industrijali diġà huwa inkluż fil-figuri ta' produzzjoni meta jintuża bħala materjal mhux mimsus u b'hekk kwalunkwe inklużjoni ta' din il-kwantità fil-produzzjoni għandha tirriżulta f'għadd doppju. L-investigazzjoni wriet li l-materjal riċiklat ta' wara l-użu mill-konsumatur jintuża prinċipalment għall-produzzjoni ta' l-ixkejjer għaż-żibel. Ċerti partijiet argumentaw li sa 25 % tal-materja prima ta' din il-kategorija tal-prodott simili għandu jkun materjal riċiklat ta' wara l-użu mill-konsumatur. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li waslet mingħand il-partijiet interessati dan jista' jammonta għal 20 % tal-produzzjoni ta' dawn il-basktijiet. Peress li din il-kwantità għadha mhix inkluża fl-istima ta' l-użu aħħari ta' l-AMI ta' dan il-prodott, din il-kwantità għandha tiġi miżjuda flimkien ma' l-istima tal-produzzjoni. Għalhekk sar aġġustament korrispondenti ta' 20 % fil-kwantità ta' l-ixkejjer għaż-żibel li rriżulta fi produzzjoni addizzjonali tal-prodott ikkonċernat fil-medda bejn 88 000 u 94 000 tunnellata metrika.

(146) Il-kwantità tal-produzzjoni totali li tirriżulta, ibbażata fuq il-konsiderazzjonijiet ippreżentati fil-premessi (135) sa (145), tinsab fil-medda bejn 1 311 000 u 1 398 000 tunnellata metrika ta' prodott investigat. Din l-istima madanakoll tinkludi l-basktijiet għaż-żibel kollha u ta' min ifakkar li wħud mill-ixkejjer għaż-żibel jistgħu jkunu ħoxnin aktar minn 100 microns u b'hekk barra mid-definizzjoni tal-prodott. Għalhekk, din il-medda tirrappreżenta pjuttost stima akbar milli hi tal-produzzjoni.

(147) Biex wieħed jasal għall-produzzjoni Komunitarja, il-produzzjoni tal-kumpaniji esklużi mill-industrija Komunitarja li tirrappreżenta 119 000 tunnellata metrika ta' produzzjoni għandha titnaqqas mill-figuri t'aktar 'il fuq. Dan jirriżulta fi produzzjoni Komunitarja fil-medda ta' bejn 1 193 000 u 1 279 000 tunnellata metrika ta' produzzjoni tal-prodott investigat. L-istima tal-produzzjoni Komunitarja fil-bidu tal-proċediment ta' 1 240 000 tunnellata metrika taqa' fil-medda ta' dan il-kalkolu u l-limitu ta' 25 % li jikkonċerna l-appoġġ għall-każ jintlaħaq sal-limitu ta' fuq tal-medda.

(148) L-analiżi t'aktar 'il fuq turi biċ-ċar li l-informazzjoni msemmija minn ċerti partijiet li tissemma aktar 'il fuq fil-premessa 134 mhijiex tali li ddgħajjef l-istima tal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott investigat ippreparata mill-Kummissjoni li tissemma fil-premessa (150) t'aktar 'l isfel.

(149) Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, l-argumenti li jikkonċernaw in-nuqqas ta' appoġġ għall-każ li sar minn dawn il-partijiet kellhom jiġu rifjutati.

2. ID-DEFINIZZJONI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

(150) l-istadju tal-bidu, il-produzzjoni akkumulata tad-29 produttur Komunitarju li għamlu l-ilment kienet tirrappreżenta 331 500 tunnellata metrika, jiġifieri 26,7 % f'relazzjoni għall-produzzjoni Komunitarja totali ta' 1 240 000 tunnellata metrika mkejla fl-istadju tal-bidu. Il-produzzjoni akkumulata tal-prodotturi Komunitarji li jopponu l-proċediment ammontat għal inqas min-nofs l-ammont ta' appoġġ li ssemma aktar 'il fuq.

(151) Barra minn hekk, għandu jingħad li 21 kumpanija oħra bi produzzjoni totali ta' 302 000 tunnellata appoġġaw l-ilment fl-istadju tal-bidu. Għalhekk, b'kollox l-ilment kien appoġġat minn produtturi Komunitarji li jirrapreżentaw iktar minn 50 % f'kuntrast mal-produzzjoni Komunitarja totali ta' 1 240 000 tunnellata.

[1] L-AMI (indirizz tal-web: www.amiplastic.com), Polyethylene film extruders, 6th edition L-estrużuri tal-film tal-polietelin, is-sitt edizzjoni] (ISBN 1 904188 12 5), p. 10.

(152) Matul l-investigazzjoni, ħamsa mill-produtturi Komunitarji li għamlu l-ilment naqsu milli jikkooperaw ma' l-investigazzjoni. Fl-istess ħin, seba' produtturi oħra li appoġġaw il-proċediment, ikkooperaw ma' l-investigazzjoni.

(153) Tliet kumpaniji oħra li kkooperaw kienu eskluži mid-definizjoni ta' l-industrija Komunitarja u l-produzzjoni tagħhom b'hekk ma kinitx inkluża fil-produzzjoni ta' l-industrija Komnitarja peress li kumpanija waħda kienet qed timporta kwantitajiet sinifikanti mill-esportatur relatat tagħha fiċ-Ċina u żewġ kumpaniji oħra importaw kwantitajiet sinifikanti f'relazzjoni għall-produzzjoni tagħhom fil-Komunità mill-pajjiżi konċernati. Ir-raba' kumpanija, li opponiet il-proċediment u li ma kkoperatx ma' l-investigazzjoni bħala produttur Komunitarju, kienet ukoll eskluża mid-definizzjoni ta' l-industrija Komunitarja peress li kellha produttur li jesporta relatat magħha f'wieħed mill-pajjiżi konċernati u importat volumi sinifikanti tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità f'relazzjoni għall-produzzjoni tagħha fil-Komunità.

(154) Ċerti partijiet qalu li l-kumpanija li opponiet il-proċediment, il-British Polyethylene Industries plc ("BPI"), ġiet eskluża mid-definizzjoni ta' l-industrija Komunitarja u b'hekk mill-produzzjoni Komunitarja totali, filwaqt li kumpanija oħra li kienet qed tappoġġa lill-proċediment, is-Cedo Ltd, ġiet inkluża, anki jekk iż-żewġ kumpaniji kellhom sitwazzjoni simili billi kellhom produzzjoni kemm fil-Komunità kif ukoll fil-pajjiżi konċernati. Għal dan il-għan, ta' min jinnota li ż-żewġ kumpaniji kienu ttrattati fuq bażi ugwali u ż-żewġ kumpaniji kienu eskluži fuq il-bażi tar-raġunijiet stabbiliti fil-premessa 153 t'aktar 'il fuq.

(155) Ċertu partijiet argumentaw li tnejn mill-produtturi Komunitarji magħżula fil-kampjun għandhom ikunu eskluži mid-definizzjoni ta' industrija Komunitarja peress li huma impurtaw kwantitajiet konsiderevoli tal-prodott ikkonċernat li joriġina fil-PRC u fit-Tajlandja. F'dan ir-rigward, għandu l-ewwel jingħad li, filwaqt li tabilħaqq hija prattika antika li l-produtturi Komunitarji li jimpurtaw għandhom ikunu eskluži mill-industrija Komunitarja jekk ikunu jew koperti mid-*dumping* jew qed jibbenefikaw minnu, huma ma jiġux eskluži jekk jinstab li l-produtturi Komunitarji kienu kostretti li jkollhom riżorsi temporanji u limitati għall-importazzjonijiet, minħabba s-sitwazzjoni tal-prezz deprezzat fis-suq Komunitarju. F'dan il-każ, l-importazzjonijiet totali ta' dawn iż-żewġ kumpaniji matul l-IP irrappreżenta 1 % u 0,1 % tal-produzzjoni totali rispettiva tagħhom. Fid-dawl tal-kwantitajiet żgħar konċernati, iż-żewġ produtturi Komunitarji jistgħu jitqiesu bħala parti mid-definizzjoni ta' industrija Komunitarja fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku. Fuq din il-bażi, l-argument ġie miċħud.

(156) L-24 produttur Komunitarju li għamlu l-ilment u s-seba' produtturi l-oħra billi kkooperaw ma' l-investigazzjonijiet, għalhekk jitqies li jikkostitwixxu l-industrija Komunitarja fit-tifsira ta' l-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku. B'kollox, dawn il-kumpaniji jirrappreżentaw madwar 358 000 tunnellata metrika jew 31 % tal-produzzjoni Komunitarja.

(157) Ta' min jinnota li disa' kumpaniji oħra, li jirrappreżentaw 57 000 tunnellata metrika ta' produzzjoni esprimew l-appoġġ tagħhom għall-investigazzjoni, madankollu, dawn il-kumpaniji ma rnexxielhomx jikkooperaw b'mod sħiħ ma' l-investigazzjoni u b'hekk ma kinux inklużi fid-definizzjoni ta' l-industrija Komunitarja.

3. IL-KONSUM KOMUNITARJU

(158) Il-konsum Komunitarju apparenti kien stabbilit fuq il-bażi tad-data rrappurtata fl-ilment li ġie ddepożitat mill-persuna li għamlet l-ilment. L-informazzjoni dwar is-suq ta' dawk li għamlu l-ilment f'diversi swieq u d-data li ġejja mill-informazzjoni dwar is-suq ipprovduta minn żewġ aġenziji kummerċjali ttieħdu bħala l-bażi. L-informazzjoni miġbura li tikkonċerna s-suq fil-Belġju, fi Franza, fl-Italja, fil-Lussemburgu, fl-Olanda u fi Spanja mbagħad kienet estrapolata għall-konsum komunitarju fl-Istati Membri li fadal.

(159) Fuq il-bażi ta' l-analiżi t'aktar 'il fuq, il-konsum Komunitarju żdied matul il-perjodu meqjus kollu b'6 % mill-bidu tal-perjodu meqjus, jiġifieri minn 1 582 000 tunnellata metrika fis-sena 2001 għal 1 674 000 tunnellata metrika fl-IP. Id-data fid-dettall, espressa f'tunnellati metriċi hija kif ġej:

Il-konsum	2001	2002	2003	2004	IP
1 000 tunnellata	1 582	1 618	1 653	1 670	1 674
L-Indiċi	100	102	104	105	106

Sors: L-Ilment

4. L-IMPORTAZZJONIJIET MILL-PAJJIŻI KONĊERNATI

4.1. Il-valutazzjoni kumulattiva ta' l-effetti ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati

(160) Il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriginaw mill-pajjiżi kkonċernati għandhomx jiġu vvalutati b'mod kumulattiv skond l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku. Dan l-Artikolu jipprovdi li l-effetti ta' l-importazzjonijiet minn żewġ pajjiżi jew aktar li fl-istess ħin ikunu soġġetti għal investigazzjonijiet *anti-dumping* għandhom jiġu vvalutati b'mod kumulattiv biss jekk jiġi ddeterminat li (a) il-marġni tad-*dumping* stabbilit f'relazzjoni għall-importazzjonijiet minn kull pajjiż huwa aktar minn *de minimis* kif iddefinit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku u li l-volum ta' l-importazzjonijiet ta' kull pajjiż mhux negliġibbli u (b) valutazzjoni kumulattiva hija xierqa fid-dawl tal-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-prodotti importati u l-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-prodotti importanti u l-prodott simili Komunitarju.

(161) Peress li l-marġni ġenerali tad-*dumping* għall-Malażja nstab li kien taħt it-2 %, jiġifieri taħt id-*de minimis*, l-importazzjonijiet mill-Malażja kienu eskluži mill-valutazzjoni kumulattiva. F'dak ir-rigward, il-marġnijiet tad-*dumping* li ġew stabbiliti f'relazzjoni għall-importazzjonijiet mill-PRC u mit-Tajlandja nstab li kienu 'l fuq mil-livell *de minimis* ta' 2 % stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, ladarba matul l-IP l-importazzjonijiet mill-PRC kienu jirrappreżentaw sehem mis-suq ta' 14.4 % u l-importazzjonijiet mit-Tajlandja sehem mis-suq ta' 4 %, il-volumi ta' l-importazzjonijiet mill-PRC u mit-Tajlandja ma kinux negliġibbli.

(162) Rigward il-kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni, l-investigazzjoni wriet li l-prodotti importati mill-PRC u mit-Tajlandja kienu bħal xulxin fil-karatteristiċi fiżiċi essenzjali tagħhom kollha. Barra minn hekk, fuq dik il-bażi, l-ixkejjer u l-basktijiet tal-plastik importati mill-PRC u mit-Tajlandja setgħu jitbiddlu ma' xulxin u tqiegħdu fis-suq fil-Komunità matul il-perjodu meqjus permezz ta' kanali tal-bejgħ komparabbli u f'kondizzjonijiet kummerċjali simili. L-importazzjonijiet miż-żewġ pajjiżi wrew tendenzi simili fil-prezzijiet u fil-volumi u t-tnejn urew livelli sinifikanti ta' bejgħ bi prezzijiet irħas mill-prezzijiet normali. Barra minn hekk, ta' min ifakkar li l-prodott importat instab li kien simili għall-ixkejjer u għall-basktijiet tal-plastik prodotti fil-Komunità u bħala tali jikkompeti magħhom fl-istess kondizzjonijiet tal-kompetizzjoni.

(163) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, tqies li ġew sodisfatti l-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku u li l-importazzjonijiet mill-PRC u mit-Tajlandja b'hekk għandhom jiġu eżaminati b'mod kumulattiv.

5. IL-VOLUM TA' L-IMPORTAZZJONIJIET IKKONĊERNATI U S-SEHEM MIS-SUQ

(164) Il-volum ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja kif ġie rrappurtat mill-Eurostat żdied minn madwar 219 000 tunnellata metrika fl-2001 għal 307 000 tunnellata metrika fl-IP, li jirrappreżenta żjieda ta' 40 %. Iż-żjieda f'daqqa fl-importazzjonijiet matul il-perjodu konċernat assorbiet 96 % taż-żjieda fil-konsum li seħħet fis-suq Komunitarju tul l-istess perjodu.

(165) L-importazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat kienu ddikjarati taħt il-kodiċi NM ex 3923 21 00 (xkejjer u basktijiet tal-polimeri ta' l-etelin). L-importazzjonijiet taħt il-kodiċijiet NM ex 3923 29 10 (xkejjer u basktijiet tal-klorur tal-polivinil) u ex 3923 29 90 (xkejjer u basktijiet ta' plastik oħra) ma kinux inklużi fil-kalkolu, peress li skond l-informazzjoni disponibbli ma kien hemm l-ebda produzzjoni ta' xkejjer u ta' basktijiet fejn il-polietelin ma jippredominax bil-piż, u għaldaqstant, bħalissa mhemm l-ebda importazzjoni tal-prodott ikkonċernat taħt dawn il-kodiċijiet NM.

L-importazzjonijiet akkumulati	2001	2002	2003	2004	IP
f'1 000 ta' tunnellati	219	239	288	299	307
L-Indiċi	100	109	132	137	140

(166) Matul il-perjodu meqjus, l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja żdiedu s-sehem tagħhom mis-suq Komunitarju bi 33 % minn 13.8 % fl-2001 għal 18.3 % fl-IP.

Is-sehem mis-suq	2001	2002	2003	2004	IP
Akkumulati	13,8 %	14,8 %	17,4 %	18,0 %	18,3 %
L-Indiċi	100	107	126	130	133

6. IL-PREZZIJIET TA' L-IMPORTAZZJONIJIET IKKONĊERNATI U T-TRAĦĦIS TAL-PREZZIJIET TAĦT IL-PREZZIJIET NORMALI

(167) L-informazzjoni dwar il-prezzijiet mogħtija aktar 'l isfel ġejja mid-data tal-Eurostat ibbażata fuq il-volumi ta' l-importazzjoni li ġew stabbiliti billi ntużat il-metodoloġija deskritta aktar 'il fuq. Din l-informazzjoni wriet li bejn l-2001 u l-IP, il-prezzijiet tas-CIF medji ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja naqsu b'14 %. Il-prezzijiet laħqu l-qiegħ fl-2003 u żdiedu bi ftit sa l-IP. Madanakollu, ma laħqux il-livell tal-prezzijiet ta' l-2001 u ta' l-2002 u baqgħu fuq livell baxx.

Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet f'euro/kg	2001	2002	2003	2004	IP
Akkumulati	1,42	1,25	1,09	1,16	1,22
L-Indiċi	100	88	77	82	86

(168) Għad-determinazzjoni tal-bejgħ bi prezz irħas mill-prezz normali ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni bbażat l-analiżi tagħha fuq l-informazzjoni mressqa matul l-investigazzjoni mill-produtturi li jesportaw li ttieħdu bħala kampjun u mill-produtturi Komunitarji li ttieħdu bħala kampjun. Din l-analiżi pparagunat, skond it-tip ta' prodott, il-prezzijiet tas-CIF effettivi tal-produtturi li jesportaw fil-livell ta' fruntiera Komunitarja aġġustat bi kwalunkwe spiża ta' wara l-importazzjoni mal-prezzijiet tal-bejgħ medji mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) rilevanti lil klijenti indipendenti ta' l-industrija Komunitarja aġġustati għal livell ta' qabel ma ġew inklużi x-xogħlijiet.

(169) Dan il-paragun wera li matul l-IP, ibbażat fuq it-tipi ta' prodott kif iddefiniti fil-kwestjonarju u fuq il-bażi ta' medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi), il-prodotti konċernati li joriġinaw fil-pajjiżi konċernati nbiegħu fi-Komunità bi prezzijiet li huma irħas mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja, meta jiġu espressi bħala perċentwali ta' dawn ta' l-aħħar, bejn 4.1 % u 37.9 % għall-PRC u għat-Tajlandja.

7. IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

7.1. **Rimarki preliminari**

(170) Skond l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżami ta' l-impatt ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* fuq l-industrija Komunitarja inkluda evalwazzjoni tal-fatturi u ta' l-indiċijiet ekonomiċi rilevanti kollha li għandhom rilevanza għall-istat ta' l-industrija Komunitarja matul il-perjodu meqjus. Din l-analiżi saret għall-kumpaniji li ttieħdu bħala kampjun kif issemma aktar 'il fuq. Fuq din il-bażi, ir-rendiment ta' l-industrija kif imkejjel minn fatturi bħall-prezzijiet, il-pagi, l-investimenti, il-profitti, il-qligħ fuq l-investiment, id-dħul u l-ħruġ tal-flus u l-abbiltà li jinġabar kapital ġie stabbilit fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mill-kumpaniji li ttieħdu bħala kampjun. Madanakollu, sabiex tkun provduta stampa kompluta tas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja, għal dawk l-indikaturi li għalihom kienet disponibbli informazzjoni ta' min jistrieħ fuqha għall-industrija Komunitarja kollha, din

l-informazzjoni ġiet provduta wkoll aktar 'l isfel. Għalhekk, il-fatturi tal-ħsara bħas-sehem mis-suq, il-volum ta' bejgħ, l-impjiegi, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-inventarji u l-produzzjoni ġew stabbiliti għall-industrija Komunitarja sħiħa.

7.2. Il-*kapaċità* ta' produzzjoni, il-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

(171) Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja żdiedet matul il-perjodu meqjus b' 66 000 tunnellata metrika jew bi 17 %. Matul l-isess perjodu, il-produzzjoni żdiedet biss b'9 %. Għaldaqstant, ir-rata ta' l-użu tal-kapaċià ta' l-industrija Komunitarja naqset b'6 %.

Il-produzzjoni f'1 000 ta' tunnellati	2001	2002	2003	2004	IP
Il-produzzjoni	328	346	353	359	358
L-Indiċi	100	105	107	109	109
Il-kapaċità tal-produzzjoni	399	423	444	463	465
L-Indiċi	100	106	111	116	117
L-użu tal-kapaċità f%	82	82	80	78	77
L-Indiċi	100	99	97	94	94

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja.

7.3. L-inventarji

(172) Sitt produtturi li ma ttieħdux bħala kampjun ma setgħux jipprovdu informazzjoni konsistenti dwar l-inventarji tagħhom minħabba informazzjoni mhux biżżejjed li ġiet ipprovduta mis-sistemi ta' ġestjoni ta' l-istokk tagħhom rigward il-prodott simili. Għaldaqstant, id-data minn dawn il-kumpaniji kellha tiġi eskluża meta ssir l-analiżi ta' l-istokks għall-perjodu meqjus. Din l-analiżi kienet ibbażata fuq l-informazzjoni provduta mill-produtturi li ttieħdu bħala kampjun u mill-20 prodottur li ma ttieħdux bħala kampjun.

L-istokks	2001	2002	2003	2004	IP
Tunnellati	24 110	26 446	26 757	25 016	28 994
L-Indiċi	100	110	111	104	120

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja.

(173) Matul l-IP, l-investnarji tal-prodotti lesti kienu jirrappreżentaw madwar 8 % tal-volum tal-produzzjoni totali ta' l-industrija Komunitarja. Il-livell ta' l-istokks ta' l-għeluq ta' l-industrija Komunitarja għall-ewwel żdiedu bi 11 % fl-2003 u mbagħad immarkaw tnaqqis ta' 7 punti perċentwali fl-2004, qabel ma żdiedu b'mhux aktar minn 20 punt perċentwali fl-IP meta pparagunat ma' l-2001.

7.4. Il-*volum* tal-bejgħ, is-sehem mis-suq u t-tkabbir

(174) Il-volum tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja żdied b'10 % matul il-perjodu meqjus. Laħaq quċċata fl-2004, imma mbagħad naqas bi ftit fl-IP. Iż-żjieda proporzjonata totali kienet ogħla miż-żjieda tal-konsum totali li kien ta' 6 %.

Il-volum tal-bejgħ	2001	2002	2003	2004	IP
Tunnellati	308 068	330 103	334 818	341 701	338 940
L-Indiċi	100	107	109	111	110

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja.

(175) Is-sehem mis-suq ta' l-industrija Komunitarja żdied b'4 % tul il-perjodu meqjus. Wara l-ewwel żjieda ta' 5 % bejn l-2001 u l-2002, baqa' mhux mibdul sa l-2004 u wera tnaqqis żgħir fl-IP. Fl-istess ħin, il-konsum Komunitarja żdied b'6 % tul il-perjodu meqjus. Għalhekk, l-industrija Komunitarja setgħet tieħu vantaġġ mit-tkabbir tas-suq bejn l-2001 u l-IP.

Is-sehem mis-suq	2001	2002	2003	2004	IP
%	19,5 %	20,4 %	20,3 %	20,5 %	20,2 %
L-Indiċi	100	105	104	105	104

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja.

7.5. **L-impjiegi, il-produttività u l-pagi**

(176) Il-livell ta' impjiegi ta' l-industrija Komunitarja naqas tul il-perjodu meqjus b'1 %. Matul l-istess perjodu, il-produttività tiegħu, imkejla bħala l-produzzjoni għal kull persuna impjegata għal kull sena, żdiedet b'10 %.

	2001	2002	2003	2004	IP
In-numru ta' impjegati	3 325	3 353	3 381	3 338	3 302
L-Indiċi	100	101	102	100	99
Il-produttività: il-produz-zjoni għal kull impjegat	99	103	104	108	108
L-Indiċi	100	104	105	109	109

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja.

(177) Matul il-perjodu meqjus, l-ispiża totali annwali tax-xogħol għal kull impjegat żdiedet b'7 %. Wara żjieda ta' 8 % bejn l-2001 u l-2004, il-paga medja naqset b'1 % bejn l-2004 u l-IP.

	2001	2002	2003	2004	IP
L-ispiża totali tax-xogħol għal kull impjegat f'euro	32 801	34 507	34 794	35 533	35 217
L-Indiċi	100	105	106	108	107

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

7.6. **Il-prezzijiet tal-bejgħ**

(178) Il-prezz nett medju tal-bejgħ tal-produtturi ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdu bħala kampjun naqas minn 1.50 euro għal kull kg fl-2001 għal 1.47 euro għal kull kg fl-IP. Il-prezzijiet għall-ewwel naqsu b'4 % fl-2002 u bi 2 % oħra fl-2003. Bejn l-2003 u l-2004 urew żjieda żgħira ta' 0.7 % u żdiedu aktar bi 3.5 % fl-IP. Dan l-iżvilupp fil-prezzijiet pjuttost stabbli għandu jitqies fid-dawl ta' l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima li żdiedu b'mod konsiderevoli, jiġifieri bi 23 %.

	2001	2002	2003	2004	IP
Il-prezzijiet tal-bejgħ lil klijenti mhux relatati fil-Komunità f'euro/kg	1,50	1,44	1,41	1,42	1,47
L-Indiċi	100	96	94	95	98

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

7.7. **Il-profitabilità**

(179) Matul il-perjodu meqjus, il-profitabilità tal-bejgħ tal-produtturi ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdu bħala kampjun fil-Komunità lil klijenti li mhumiex relatati niżlet bi 82 %. Fis-snin 2001 sa l-2002 l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun xorta laħqet livell sostenibbli ta' profitabilità. Madanakollu, bejn l-2002 u l-IP il-profitabilità wriet tnaqqis qawwi kontinwu, li laħaq biss il-1,1 % fl-IP, filwaqt li diversi kumpaniji li ttieħdu bħala kampjun rreġistraw telf.

	2001	2002	2003	2004	IP
Il-profitabilità	6,3 %	6,9 %	4,0 %	2,5 %	1,1 %
L-Indiċi	100	110	63	40	17

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

7.8. **L-investimenti u l-qligħ fuq l-investimenti**

(180) L-investiment annwali ta' l-industrija Komunitarja fil-produzzjoni tal-prodott simili naqas bi 30 % matul il-perjodu meqjus minn madwar 16-il miljun euro għal inqas minn 12-il miljun euro.

	2001	2002	2003	2004	IP
L-investimenti (1 000 euro)	16 474	20 956	11 363	16 830	11 507
L-Indiċi	100	127	69	102	70

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

(181) Il-qligħ fuq l-investiment tal-produtturi ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdu bħala kampjun, li jesprimi r-riżultat ta' qabel it-taxxa tagħhom bħala perċentwali tal-valur medju nett tal-ftuħ u ta' l-għeluq ta' l-assi kif imniżżel fil-kotba użat fil-produzzjoni tal-prodott simili, naqas b'mod drammatiku minħabba l-profitabilità li qed tonqos. Filwaqt li l-qligħ fuq l-investiment baqa' stabbli bejn l-2001 u l-2002, wara naqas f'daqqa għal 6 % fl-IP li jirrappreżenta tnaqqis totali ta' 84 % bejn l-2001 u l-IP.

	2001	2002	2003	2004	IP
Il-qligħ fuq l-investiment f'%	37 %	37 %	20 %	12 %	6 %
L-Indiċi	100	100	54	32	16

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

7.9. **Id-dħul u l-ħruġ tal-flus**

(182) Il-produtturi ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdu bħala kampjun irreġistraw influss nett ta' flus kontanti mill-attivitajiet operattivi matul il-perjodu meqjus. Madanakollu, meta ġie espress bħala perċentwali tad-dħul, l-influss nett ta' flus kontanti wera tnaqqis immarkat f'termini ta' perċentwali, speċjalment matul l-IP, skond it-tnaqqis fil-profitabilità.

	2001	2002	2003	2004	IP
Id-dħul u l-ħruġ tal-flus (f'1 000 euro)	14 965	23 307	17 652	17 598	4 706
L-Indiċi	100	156	118	118	31

Sors: Ir-risposti għall-kwestjonarju ta' l-industrija Komunitarja li ttieħdet bħala kampjun.

7.10. **L-abbiltà li jinġabar il-kapital**

(183) Il-parti l-kbira ta' l-industrija Komunitarja hija magħmula minn intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju. Għaldaqstant, l-abbiltà ta' l-industrija Komunitarja li tiġbor kapital tnaqqset sa ċertu punt matul il-perjodu meqjus, speċjalment fl-aħħar parti tiegħu, meta l-profitabilità kienet ferm baxxa.

7.11. **L-irkupru mid-*dumping* jew mis-sussidjar fl-imgħoddi**

(184) L-industrija Komunitarja ma kinitx f'sitwazzjoni fejn kellha tirkupra mill-effetti mgħoddija ta' *dumping* jew ta' sussidjar ta' ħsara.

7.12. **Il-kobor tal-marġni tad-*dumping***

(185) Fejn jikkonċerna l-impatt fuq l-industrija Komunitarja tal-kobor tal-marġni effettiv tad-*dumping*, meta jitqiesu l-volum u l-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet mill-PRC u mit-Tajlandja, dan l-impatt huwa sostanzjali.

8. *KONKLUŻJONI DWAR IL-ĦSARA*

(186) L-eżami tal-fatturi li ssemmew aktar 'il fuq juri li bejn l-2001 u l-IP, l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* żdiedu f'daqqa f'termini ta' volum u ta' sehem mis-suq. Fil-fatt, il-volum tagħhom żdied b'40 % matul il-perjodu meqjus u kisbu sehem mis-suq ta' 18.3 % fl-IP. Ta' min jinnota li fl-IP, kienu jammontaw għal madwar 57 % ta' l-importazzjonijiet totali tal-prodott ikkonċernat fil-Komunità. Barra minn hekk, fl-IP, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' l-industrija Komunitarja kienu sostanzjalment irħos mill-prezzijiet normali (minn 4.1 % sa 37.9 %) minn dawk ta' l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, il-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja kienu deprezzati u laħqu qrib il-livell fejn la kien hemm qligħ u lanqas ħlas.

(187) Matul il-perjodu meqjus instab deterjorament tassitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja. L-industrija Komunitarja ġarrbet tnaqqis drammatiku ta' 5.2 punti perċentwali fil-profitabilità biex tilħaq qrib il-livell ta' fejn la kien hemm qligħ u lanqas ħlas fl-IP. Il-qligħ tagħha fuq l-investiment fl-istess ħin naqas b'31 punt perċentwali u kien hemm tnaqqis sinfikanti ta' 69 % fil-ħruġ u fid-dħul tal-flus tagħha. Barra minn hekk, l-użu tal-kapaċità tagħha naqas b'5 %, il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha naqsu bi 2 %, l-impjiegi naqsu b'1 %, l-istokks ta' l-għeluq żdiedu b'20 %, l-investiment tagħha naqas bi 30 % u l-abbiltà tagħha li tiġbor il-kapital gradwalment bdiet tiddeterjora.

(188) Il-kapaċità tal-produzzjoni ta' l-industrija Komunitarja żdiedet sa ċertu punt matul il-perjodu kkonċernat. Madanakollu, dan għandu jitqies fil-kuntest tal-produzzjoni Komunitarja totali li ntlaqtet mill-għeluq ta' numru ta' kumpaniji li ekklhom kapaċità ta' produzzjoni ta' aktar minn 140 000 tunnellata metrika. L-industrija Komunitarja żiedet il-kapaċità tagħha billi akkwistat assi tal-produzzjoni mill-kumpaniji li kienu soġġetti għal dan l-għeluq.

(189) Fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż li l-industrija Komunitarja qiegħda f'sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja diffiċli u ġarrbet ħsara materjali, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

F. IL-KAWŻALITÀ

1. INTRODUZZJONI

(190) Skond l-Artikoli 3(6) u 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* li joriġinaw fit-Tajlandja u fil-PRC ikkawżawx ħsara lill-industrija Komunitarja sa grad li jista' jitqies materjali. Fatturi magħrufa li mhumiex l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*, li fl-istess ħin setgħu għamlu ħsara lill-industrija Komunitarja, kienu eżaminati wkoll biex ikun żgurat li l-ħsara possibbli kkawżata minn dawn il-fatturi l-oħra ma kinitx attribwita lill-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*.

2. L-EFFETT TA' L-IMPORTAZZJONIJIET LI KIENU SOĠĠETTI GĦAL DUMPING

(191) Bejn l-2001 u l-IP, l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlanda żdiedu b'40 % fil-volum. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq ta' dawn l-importazzjonijiet żdied minn 13.8 % fl-2001 għal 18.3 % fl-IP. Il-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi naqsu b'mod sostanzjali matul il-perjodu meqjus u kienu irħos mill-prezzijiet ta' l-industrija Komunitarja fl-IP, bejn 4.1 % u 37.9 %.

(192) Dan il-bejgħ bi prezzijiet irħas mill-prezzijiet normali, fuq bażi medja, qed jirriżulta minn prezzijiet li ma jkoprux l-ispejjeż kollha fil-katina ta' kummerċjalizzazzjoni.

(193) Iż-żjieda sostanzjali fil-volum ta' l-importazzjonijiet bi prezzijiet tassew baxxi u li kienu soġġetti għal *dumping* u l-qligħ tagħhom fis-sehem mis-suq tul il-perjodu meqjus ikkoinċida mad-deterjorament tas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja matul l-istess perjodu, b'mod partikolari f'termini ta' profitabilità, prezzijiet tal-bejgħ, stokks ta' l-għeluq, investiment, użu tal-kapaċità, dħul u ħruġ tal-flus, abbiltà li jinġabar il-kapital u qligħ fuq l-investiment.

(194) Għalhekk, qed jiġi konkluż li l-pressjoni eżerċitata mill-importazzjonijiet ikkonċernati, kellha rwol determinati fis-sitwazzjoni ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja.

3. L-EFFETT TAL-FATTURI L-OĦRA

3.1. Ir-rendiment tal-*produtturi* Komunitarji l-oħra

(195) Rigward il-volumi tal-bejgħ tal-produtturi Komunitarji l-oħra, naqsu b'7.1 % f'termini ta' volum bejn l-2001 u l-IP u naqsu b'7.8 % f'termini ta' sehem mis-suq matul l-istess perjodu. Ma nstabet l-ebda indikazzjoni li l-prezzijiet tal-produtturi Komunitarji l-oħra kienu aktar baxxi minn dawk ta' l-industrija Komunitarja li kkooperat, jew li s-sitwazzjoni ġenerali tagħhom għandha tkun differenti. Għalhekk, qed jiġi konkluż li l-prodotti magħmula u mibjugħa mill-produtturi Komunitarji l-oħra ma kkontribwewx għall-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja.

3.2. L-importazzjonijiet *minn* pajjiżi terzi oħra

(196) Skond l-informazzjoni li ġejja mill-Eurostat, il-volum ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw f'pajjiżi terzi oħra (eż. il-Malażja, it-Turkija, l-Indja u l-Indoneżja) żdied bi 22 % tul il-perjodu meqjus u laħaq livell ta' madwar 231 000 tunnellata metrika fl-IP. Dan jikkorrispondi għal sehem mis-suq ta' 13.8 %. Tul l-istess perjodu, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet naqsu bi 11 % (minn 1.66 euro/kg fl-2001 għal 1.48 euro/kg fl-IP). Madanakollu, ta' min jinnota li l-prezz medju ta' dawn l-importazzjonijiet kien 'il fuq minn dak ta' l-importazzjonijiet li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja matul l-IP u saħansitra xi ftit ogħla minn dak ta' l-Industrija Komunitarja. Għalhekk qed jiġi konkluż li l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra ma kkontribwewx b'mod materjali għall-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja.

3.3. Il-prezzijiet tal-*materja* prima

(197) Kien allegat minn uħud mill-partijiet li l-prezz tal-polietelin kien storikament aktar baxx fl-Ażja mill-prezz tiegħu fl-UE. Madanakollu, l-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-polietelin tiżvela li l-prezzijiet tal-materja prima fl-Ażja varjaw kemm taħt kif ukoll 'il fuq mill-prezzijiet korrispondenti Ewropew matul il-perjodu meqjus. Ibbażat fuq il-figuri ppreżentati minn dawn il-partijiet dwar is-sitwazzjoni fil-PRC, id-differenzjal tal-prezz medju fil-materja prima fil-PRC pparagunat ma' l-UE naqas minn 20.3 % għal 12.3 % bejn l-2001 u l-2004 u fl-istess ħin, id-differenzjal tal-prezz medju fil-prodott finali żdied minn 0.7 % għal 14.8 %. Hekk kif l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-materja prima suppost waslet għal tnaqqis fid-differenzjal tal-prezz tal-prodott finali pjuttost milli għal żjieda f'dan id-differenzjal tal-prezz, l-investigazzjoni wriet li ma kien hemm l-ebda korrelazzjoni loġika bejn l-iżvilupp tal-prezz tal-materja prima u l-prezz tal-prodott finali esportat lejn il-Komunità. Anzi, l-industrija Komunitarja kienet relattivament f'sura tajba fl-2001 għalkemm id-differenzjal tal-prezz kien fl-ogħla livell tiegħu, u wera sitwazzjoni ta' ħsara fl-2004 u fl-IP meta d-differenzjal tal-prezz kien ferm iżgħar. Għalhekk, irid jiġi konkluż li d-differenzjal fil-prezzijiet tal-materja prima ma jistax jitqies li kkontribwixxa għall-ħsara materjali ta' l-industrija Komunitarja b'mod sinifikanti.

(198) Uħud mill-partijiet allegaw ukoll li l-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja ma kinitx ikkawżata mill-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* imma miż-żjieda fil-prezzijiet tal-polietelin matul il-perjodu meqjus fil-Komunità. Għal dan il-għan, ta' min jinnota li l-prezzijiet tal-polietelin fuq bażi medja tabilħaqq żdiedu matul il-perjodu meqjus. Madanakollu, l-industrija Komunitarja ma setgħetx iżżid il-prezzijiet tal-bejgħ rispettivi tagħhom skond dan. Din in-nuqqas ta' flessibilità fil-prezzijiet kienet ikkawżata mill-mewġa fl-istess ħin ta' importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja, bi prezzijiet li huma ferm irħas mill-prezzijiet normali ta' l-industrija Komunitarja u, fuq bażi medja, li lanqas biss ikopru l-ispiża tal-produzzjoni fil-PRC u fit-Tajlandja. F'dawn iċ-ċirkostanzi, għandu jiġi konkluż li l-industrija Komunitarja ġiet esposta għal pressjoni qawwija tal-prezzijiet minn dawn l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* u għaldaqstant ma kellha l-ebda possibbiltà li tikkumpensa għaż-żjieda fil-prezzijiet tal-materja prima billi żżid il-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom rispettivament.

(199) Fl-aħħarnett, ta' min ifakkar li fil-kuntest ta' l-investigazzjoni ta' rabta kawżali, għandu jiġi eżaminat jekk l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* (f'termini ta' prezzijiet u ta' volumi) ikkawżawx ħsara materjali lill-industrija Komunitajra jew jekk ħsara materjali ta' din ix-xorta kinitx minħabba fatturi oħra. F'dan ir-rigward, fejn għandhom x'jaqsmu l-prezzijiet, l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku jirreferi għal dimostrazzjoni li l-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* jikkawża l-ħsara. Għalhekk sempliċement jirreferi għal differenza bejn il-livelli tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* u dawk ta' l-industrija Komunitarja. B'hekk, mhemm l-ebda rekwiżit biex jiġu analizzati l-fatturi li jaffetwaw il-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjoni, bħalma huwa, pereżempju, il-livell ta' l-ispejjeż tax-xogħol, il-livell tal-prezzijiet tal-materja prima jew il-livell ta' l-ispejjeż SG&A.

(200) Dak li ntqal aktar 'il fuq huwa wkoll ikkonfermat mill-kliem ta' l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, li jirreferi għal fatturi magħrufa li mhumiex l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*. Tabilħaqq, il-lista tal-fatturi magħrufa l-oħra f'dan l-Artikolu ma tagħmilx referenza għal kwalunkwe fattur li jaffetwa l-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*. B'kollox, jekk l-esportazzjonijiet jiġu soġġetti għal *dumping*, u anki jekk ibbenefikaw minn żvilupp favorevoli fil-prezzijiet tal-materja prima, huwa diffiċli li wieħed jara kif l-iżvilupp favorevoli ta' prezzijiet ta' l-*input* ta' din ix-xorta jista' jkun fattur ieħor li jikkawża l-ħsara.

(201) B'hekk, l-analiżi tal-fatturi li jaffetwaw il-livell tal-prezzijiet ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*, kemm jekk huma d-differenzi fil-prezzijiet tal-materja prima jew xi ħaġa oħra, ma tistax tkun konklużiva u analiżi ta' din ix-xorta għandha tmur lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament bażiku. Bl-istess mod fuq din il-bażi, l-argumenti li jikkonċernaw il-prezzijiet tal-materja prima huma rifjutati.

4. KONKLUŻJONI DWAR IL-KAWŻALITÀ

(202) s-sitwazzjoni ta' ħsara ta' l-industrija Komunitarja kkoinċidiet ma' żjieda f'daqqa fl-importazzjonijiet mill-PRC u mit-Tajlandja u ma' bejgħ bi prezzijiet sostanzjalment irħas mill-prezzijiet normali ta' dawn l-importazzjonijiet.

(203) Dwar l-importazzjonijiet minn pajjiż terzi oħra, minħabba s-sehem mis-suq aktar baxx tagħhom matul l-IP minn dak ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati, u speċjalment minħabba l-prezz medju ogħla minn dak ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati matul l-IP u, saħansitra aktar importanti, ogħla minn dak ta' l-industrija Komunitarja, qed jiġi konkluż li l-effett ta' dawn il-fatturi l-oħra ma setax ikkontribwixxa b'mod materjali għall-ħsara li ġarrbet l-industrija Komunitarja. Barra minn hekk, l-effett tad-differenzjal fil-prezzijiet tal-materja prima fil-Komunità u fil-pajjiżi konċernati fuq l-iżviluppi negattivi ta' l-industrija Komunitarja f'termini ta' profitabilità, rendiment u tnaqqis fis-sehem mis-suq kien negliġibbli u filfatt suppost li kkontribwixxa b'mod pożittivi għas-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja.

(204) L-ebda fattur ieħor, li fl-istess ħin seta' jagħmel ħsara lill-industrija Komunitarja, ma tqajjem mill-partijiet interessati jew ma ġie identifikat matul l-investigazzjoni.

(205) Jekk titqies l-analiżi t'aktar 'il fuq, li għamlet distinzjoni xierqa u sseparat b'mod xieraq l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha fuq is-sitwazzjoni ta' l-industrija Komunitarja mill-effetti ta' ħsara ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*, l-investigazzjoni kkonfermat li dawn il-fatturi l-oħra bħala tali ma jdawrux il-fatt li l-ħsara vvalutata trid tkun attribwita lill-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*.

(206) Għalhekk qed jiġi konkluż li l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*, li joriġinaw fil-PRC u fit-Tajlandja, ikkawżaw ħsara materjali lill-industrija Komunitarja fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku.

G. **L-INTERESS KOMUNITARJU**

(207) Skond l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, kien eżaminat jekk, minkejja l-konklużjoni dwar id-*dumping* ta' ħsara, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti biex jiġi konkluż li mhux fl-interess Komunitarju li jiġu adottati miżuri f'dan il-każ partikolari. Tqiesu l-impatt tal-miżuri possibbli fuq il-partijiet kollha involuti f'dan il-proċediment u anki l-konsegwenzi ta' li ma jittieħdux miżuri.

1. L-INTERESSI TA' L-INDUSTRIJA KOMUNITARJA

(208) Huwa mistenni li l-impożizzjoni tal-miżuri se tipprevjeni aktar tgħawwiġ u se terġa' ġġib il-kompetizzjoni ġusta fis-suq. L-industrija Komunitarja hija industrija kompetittiva u vijabbli u dan jintwera biċ-ċar mis-sitwazzjoni tagħha fl-2001 fejn kienet f'sura relattivament tajba minkejja l-kompetizzjoni iebsa madwar id-dinja. B'hekk, l-impożizzjoni tal-miżuri għandha tħalliha żżid is-sehem mis-suq u l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, u b'hekk tilħaq livelli ta' profitt raġonevoli li huma meħtieġa biex tittejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-industrija. Dan se jħallihom ikomplu bl-investimenti fil-faċiltajiet ta' produzzjoni tagħhom, biex b'hekk tkun iggarantita s-sopravvivenza ta' l-industrija Komunitarja.

(209) Min-naħa l-oħra, jekk il-miżuri *anti-dumping* ma jiġux imposti, huwa probabbli li jkompli d-deterjorament tas-sitwazzjoni diġà mwieġħra ta' l-industrija Komunitarja. Ma tkunx tista' twettaq l-investimenti meħtieġa sabiex tikkompeti b'mod effettiv ma' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping* mill-pajjiżi terzi konċernati. Dan se jġieġħel lil uħud mill-kumpaniji biex fil-futur qrib iwaqqfu l-produzzjoni u jkeċċu lill-impjegati tagħhom. It-3 300 impjieg dirett fl-industrija Komunitarja li kkooperat jitqiegħdu fil-periklu. Il-produzzjoni Komunitarja totali ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet tinvolvi madwar 12 000 impjieg li huma prinċipalment f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju. Bl-għeluq tal-produzzjoni Komunitarja, il-Komunità għandha ssir aktar dipendenti fuq il-forniturі barra mill-Komunità.

(210) Għaldaqstant, qed jiġi konkluż li l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* għandha tħalli lill-industrija Komunitarja tirkupra mill-effetti tad-*dumping* ta' ħsara li ġarrbet u li għalhekk huwa fl-interess ta' l-industrija Komunitarja.

2. L-INTERESS TA' L-IMPORTATURI/TAL-KUMMERĊJANTI U TAL-BEJJIEGĦA BL-IMNUT LI MHUMIEX RELATATI

(211) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lil erba' importartaturi/kummerċjanti li ttieħdu bħala kampjun li jirrappreżentaw 9 % tal-bejgħ totali ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi konċernati. Madanakollu, żewġ importaturi/kummerċjanti biss, li jirrappreżentaw 3 % ta' l-importazzjonijiet totali mill-pajjiżi konċernati, irrispondew għall-kwestjonarju. L-importaturi li mhumiex relatati li kkooperaw issottomew li, kieku kellhom jiġu imposti l-miżuri, il-prezz tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat għandu jogħla u l-konsumaturi ikollhom inħallsu aktar għall-prodott ikkonċernat u li l-effett tad-dazju għalhekk jiġi ttrasferit lill-konsumaturi. Għalhekk, ikun hemm impatt negattiv limitat fuq l-imporataturi li mhumiex relatati f'dan ir-rigward.

(212) Sa ċertu punt, il-prodott ikkonċernat jitqassam minnegozji tal-bejgħ bl-imnut. F'uħud mill-pajjiżi fil-Komunità, ċerti tipi tal-prodott, bħall-basktijiet tax-xiri u l-basktijiet għall-ġarr tax-xirja jitqassmu b'xejn lill-klijenti individwali, filwaqt li ċerti tipi oħra, bħall-boroz tal-friżer, il-basktijiet għall-ħrieqi u l-basktijiet għal-landa taż-żibel, jinbiegħu lill-klijenti. Ta' min jinnota li bħalissa, f'ċerti Stati Membri bħar-Renju Unit, il-konsumaturi mhumiex qed jintalbu ħlas għal basktijiet għall-ġarr tax-xirja li jintużaw darba.

(213) L-investigazzjoni wriet li l-pretensjonijiet li jikkonċernaw l-impatt finanazjarju ta' dazju *anti-dumping* fuq operaturi differenti, speċjalment fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut, kienu konsiderevolment esaġerati. Uħud mill-bejjiegħa bl-imnut qalu li dazju ta' 10 % għandu jiġġenera spiża supplimentari ta' 220 miljun euro fis-sena għas-settur tal-bejgħ bl-imnut biss. Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni, peress li l-valur doganali totali ta' l-importazzjonijiet ikkonċernati huwa ta' madwar 375 miljun euro, l-effett massimu ta' dazju medju ta' 10 % għandu jkun ta' 38 miljun euro fuq bażi annwali mal-Komunità kollha. Barra minn hekk, fuq il-bażi taż-żewġ risposti għall-kwestjonarju li waslu mill-bejjiegħa bl-imnut, ix-xiri medju tal-prodott ikkonċernat kien jammonta għal inqas minn 0.1 % tad-dħul ta' dawn il-bejjiegħa bl-imnut. Għalhekk, l-impatt ta' dazju *anti-dumping* tal-livell li ssemma aktar 'il fuq għandu jikkontribwixxi biss għal żjieda marġinali fl-ispiża tagħhom. Barra minn hekk, parti minn din l-ispiża supplimentari għandha tkun mifruxa fuq id-diversi livelli tal-katina ta' forniment. L-argument ta' dawn il-bejjiegħa bl-imnut għalhekk kien rifjutat.

(214) L-istess bejjiegħa bl-imnut allegaw ukoll li mhux biss mhemm l-ebda forniment ta' ċerti tipi tal-prodott ikkonċernat mill-industrija KE, imma li l-industrija KE wkoll m'għandiex il-kapaċità li tissodisfa d-domanda Komunitarja kollha. F'dan ir-rigward, l-ewwelnett ta' min jinnota, rigward il-forniment ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet, li l-impożizzjoni ta' miżuri *anti-dumping* m'għandiex twaqqaf il-forniment tal-prodott mill-pajjiżi konċernati imma għandha biss trodd lura kondizzjonijiet ugwali għal kulħadd fis-suq. L-importazzjonijiet ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet se tkompli tissodisfa parti mill-forniment fis-suq

Komunitarju. Barra minn hekk, l-industrija Komunitarja għandha kapaċità ta' produzzjoni eżistenti biex tissodisfa kwalunkwe żjieda fid-domanda. Jiġri x'jiġri, aktar forniment tat-tipi kollha ta' l-ixkejjer u tal-basktijiet tal-plastik tibqa' wkoll possibbli mill-pajjiżi terzi li mhumiex soġġetti għall-miżuri. Dawn l-argumenti għalhekk kienu rifjutati.

(215) Assoċjazzjoni li tirrappreżenta lill-bejjiegħa bl-imnut li jakkwistaw finanzjament għal finijiet ta' karità allegat li kwalunkwe dazju kieku jagħmel ħsara b'mod sproporzjonat lill-attivitajiet ta' ġbir ta' fondi tagħhom għaliex huma xtraw basktijiet li tqassmu lill-klijenti tagħhom b'xejn. Qalu wkoll li l-basktijiet użati għall-ġbir ta' l-oġġetti għar-riċiklaġġ għal finijiet ta' karità jintlaqtu wkoll jekk ikun impost dazju *anti-dumping*. F'dan ir-rigward ta' min jinnota li dan it-tip ta' ġbir ta' fondi, anki jekk għal finijiet ta' karità, isir fuq bażi kummerċjali. Għalhekk huwa soġġett għall-istess riskji bħal kwalunkwe attività kummerċjali u għandu jiġi vvalutat fuq l-istess bażi. L-effett ta' dazju li jikkonċerna lil dawn il-bejjiegħa bl-imnut m'għandux ikun ferm differenti minn dak ta' kwalunkwe bejjiegħ bl-imnut ieħor. Għalhekk dan l-argument kien irrifjutat.

3. L-INTERESS TAL-KONSUMATURI

(216) L-ebda assoċjazzjoni tal-konsumaturi ma ppreżentat ruħha fil-limitu ta' żmien iffissat fl-avviż tal-bidu.

(217) Uħud mill-importaturi argumentaw li l-impożizzjoni ta' miżuri *anti-dumping* għandha twassal għal żjieda fil-prezzijiet mitluba lill-klijent finali peress li l-livell tal-prezzijiet tal-bejgħ jiġu aġġustati skond id-dazji.

(218) Madanakollu, kif ġie ddikjarat aktar 'il fuq, uħud mill-bejjiegħa bl-imnut iqassmu partijiet mill-prodott b'xejn lill-klijenti tagħhom. Ħlief jekk dawn il-bejjiegħa bl-imnut ibiddlu l-politika stabbilita sew tagħhom, f'dawn il-każi l-konsumaturi mhux se jħossu l-effett tal-miżuri *anti-dumping* imposti.

(219) Dazju medju ta' 10 % għandu jżid il-prezz ta' kull basket importat fuq bażi medja ta' 0.086 ċenteżmi u l-prezz ta' kull basket mibjugħ fil-Komunità b'0.016 ċenteżmi (jekk wieħed jassumi piż ipotetiku ta' 7g għal kull basket). Dan l-inkrement huwa negliġibbli anki jekk jinġarr biss mill-konsumaturi. Fil-fatt, l-effett tad-dazju li jinġarr mill-konsumaturi se jkun saħansitra aktar baxx għaliex din l-ispiża se tiġi mifruxa fuq diversi livelli tal-katina ta' forniment.

4. IL-KOMPETIZZJONI U L-EFFETTI LI JGĦAWĠU L-KUMMERĊ

(220) Rigward l-effetti tal-miżuri possibbli fuq il-kompetizzjoni fil-Komunità, il-produtturi li jesportaw ikkonċernati se jkunu jistgħu jkomplu jbiegħu ċerti basktijiet u xkejjer tal-plastik, peress li għandhom pożizzjoni fis-suq b'saħħitha. Dan flimkien man-numru kbir ta' produtturi fil-Komunità u l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra se jiżgura li l-utenti u l-bejjiegħa bl-imnut se jkomplu jkollhom għażla wiesgħa ta' fornituri diferenti tal-prodott simili bi prezzijiet raġonevoli.

(221) B'hekk, se jkun hemm numru importanti ta' atturi fis-suq, li se jkun jista' jissodisfa d-domanda. Fuq il-bażi ta' dak li ntqal aktar 'il fuq, għalhekk qed jiġi konkluż li huwa probabbli li l-kompetizzjoni se tibqa' b'saħħitha wara l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping*.

5. KONKLUŻJONI DWAR L-INTERESS KOMUNITARJU

(222) L-impożizzjoni tal-miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja b'mod ċar għandha tkun fl-interess ta' l-industrija Komunitarja. Se tħalli lill-industrija Komunitarja tikber u tirkupra mill-ħsara kkawżata mill-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*. Jekk, madanakollu, il-miżuri ma jiġux imposti, huwa probabbli li l-produzzjoni Komunitarja se tkompli tonqos u aktar operaturi mhux se jibqgħu fin-negozju. Barra minn hekk, l-importaturi u l-bejjiegħa bl-imnut mhux se jkunu sostanzjalment affetwati ladarba l-ixkejjer u l-basktijiet li ġew ipprezzati b'mod ġust xorta se jibqgħu disponibbli fis-suq, inklużi l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.

(223) Minħabba dak li ntqal aktar 'il fuq, qed jiġi konkluż li mhemm l-ebda raġuni konvinċenti biex ma jkunux imposti dazji *anti-dumping* kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja.

H. **IL-MIŻURI DEFINITTIVI**

(224) Minħabba l-konklużjonijiet li ntlaħqu rigward id-*dumping*, il-ħsara li tirriżulta u l-interess Komunitarja, u skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi impost dazju *anti-dumping* definittiv fuq l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajlandja sabiex ma jitħalliex li l-importazzjonijiet soġġetti għal *dumping* jikkawżaw aktar ħsara lill-industrija Komunitarja.

(225) Il-miżuri għandhom jiġu imposti fuq livell biżżejjed biex tiġi eliminata l-ħsara kkawżata minn dawn l-importazzjonijiet mingħajr ma jinqabeż il-marġni tad-*dumping* misjub. Meta jiġi kkalkulat l-ammont ta' dazju meħtieġ biex jitneħħew l-effetti tad-*dumping* ta' ħsara, tqies li kwalunkwe miżura għandha tħalli lill-industrija Komunitarja tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tikseb profitt ġenerali qabel it-taxxa li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli minn industrija ta' dan it-tip fis-settur f'kondizzjonijiet normali tal-kompetizzjoni, jiġifieri fl-assenza ta' importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*, fuq il-bejgħ tal-prodott simili fil-Komunità. Il-marġni ta' profitt ta' qabel it-taxxa li ntuża għal dan il-kalkolu kien ta' 6 % mid-dħul tal-bejgħ tal-prodott simili li jirrappreżenta livell ta' profitt tajjeb li jista' jiġi attribwit lill-industrija f'kondizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni, li nkiseb mill-industrija qabel il-mewġa ta' l-importazzjonijiet li kienu soġġetti għal *dumping*.

(226) Ir-rati tad-dazju *anti-dumping* ta' kumpanija individwali li ġew speċifikati f'dan ir-Regolament kienu stabbiliti fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-investigazzjoni preżenti. Għalhekk, fejn għandhom x'jaqsmu dawn il-kumpaniji, jirriflettu s-sitwazzjoni misjuba matul l-investigazzjoni. Dawn ir-rati tad-dazju għalhekk huma applikabbli b'mod esklużiv għall-importazzjonijiet tal-prodotti li joriġinaw fil-pajjiżi konċernati u li ġew prodotti mill-kumpaniji u b'hekk mill-entitajiet legali speċifiċi msemmija.

(227) Fir-rigward tal-produttur li jesporta Ċiniż li ġie mċaħħad l-MET u l-IT, din il-kumpanija m'għandhiex tirċievi rata tad-dazju ta' *anti-dumping* individwali, minkejja li ġie kkalkulat marġni ta' *dumping* għaliha, kif spjegat fil-premessa (131). L-importazzjonijiet ta' prodotti manifatturati minn din il-kumpanija, li hija produttur li jesporta u li kkoopera, għandhom għalhekk ikunu soġġetti għar-rata medja ta' dazju determinata għall-esportaturi li kkooperaw u li ma kinux magħżula fil-kampjun, kif deskritt fil-premessa (228).

(228) Ir-rati tad-dazju għall-esportaturi li kkooperaw li ma ntgħażlux biex ikunu parti mill-kampjun, għal kull pajjiż, huma l-medja mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) tal-marġnijiet tad-*dumping* li nstabu għall-kumpaniji li ttieħdu bħala kampjun, kif intqal fil-premessa 54 Il-prodotti importati magħmula minn kwalunkwe kumpanija oħra li ma ssemmietx b'mod speċifiku bl-isem u bl-indirizz tagħha fil-parti operattiva jew fl-annessi għal dan ir-Regolament, inklużi l-entitajiet li huma relatati ma' dawk speċifikatament imsemmija, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għal "il-kumpaniji l-oħra kollha".

(229) Kwalunkwe talba li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju *anti-dumping* għal kumpanija individwali (eż. wara bidla fl-isem ta' l-entità jew wara l-istabbiliment ta' entitatjiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ), għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u mal-bejgħ mill-esportazzjoni assoċjati ma eż. dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entitajiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament se jiġi emendat skond dan billi tiġi aġġornata l-lista tal-kumpaniji li jibbenefikaw minn dazji individwali. Skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, reviżjoni ġdida ta' l-esportazzjoni biex tiddetermina l-marġni individwali tad-*dumping* ma setgħetx tinbeda f'dan il-proċediment, peress li t-teħid ta' kampjuni kien applikat għall-produtturi li jesportaw tal-PRC, il-Malażja u t-Tajlandja. Madankollu, sabiex ikun żgurat trattament ugwali bejn kwalunkwe produttur ġdid li jesporta u l-kumpaniji li jikkooperaw mhux inklużi fil-kampjuni, ġie meqjus li għandha ssir dispożizzjoni biex timponi d-dazju applikabbli għal dawn l-aħħar kumpaniji lil kwalunkwe produttur ġdid li jesporta li jkun jista' juri li huwa intitolat għal reviżjoni skond l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

(230) Kwalunkwe talba li titolob iż-żieda ta' produttur li jesporta ġida fil-PRC jew fit-Tajlandja mal-listi stabbiliti fl-Anness I jew II tar-Regolament, għandha tiġi indirizzata minnufih lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari l-evidenza li l-kumpanija konċernata tissodisfa t-tliet kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament se jkun emendata skond dan billi jiġu aġġornati l-listi fl-Anness I jew II tal-kumpaniji li jibbenefikaw mid-dazju medju tal-kampjun.

(231) Fid-dawl tas-sejbiet li ssemmew aktar 'il fuq, ir-rati tad-dazju *anti-dumping* li huwa maħsub li jiġu proposti huma kif ġej:

Il-pajjiż	Il-produttur li jesporta	Il-marġni tad-*dumping*	Il-marġni tal-ħsara	Ir-rata tad-dazju AD
Il-PRC	Cedo (Shanghai) Limited u Cedo (Shanghai) Household Wrappings Co. Ltd., Shanghai	7,4 %	39,0 %	7,4 %
	Jinguan (Longhai) Plastics Packing Co., Ltd., Longhai	5,1 %	74,6 %	5,1 %
	Sunway Kordis Shanghai u Shanghai Sunway Polysell, Shanghai	4,8 %	37,4 %	4,8 %
	Suzhou Guoxin Group Co., Ltd, Suzhou Guoxin Group Taicang Yihe Import & Export Co., Ltd, Taicang Dongyuan Plastic Co., Ltd u Suzhou Guoxin Group Taicang Giant Packaging Co., Ltd, Taicang	7,8 %	61,3 %	7,8 %
	Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd. u Wuxi Bestpac Packaging Co., Ltd., Wuxi	12,8 %	57,8 %	12,8 %
	Zhong Shan Qi Yu Plastic Products Co Ltd., Zhongshan	5,7 %	34,3 %	5,7 %
	Huizhou Jun Yang Plastics Co, Huizhou	4,8 %	30,8 %	4,8 %
	Il-prodotturi li jesportaw li kkooperaw li mhumiex fil-kampjun	8,4 %	49,3 %	8,4 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	28,8 %	34,3 %	28,8 %
It-Tajlandja	King Pac Industrial Co Ltd., Chonburi u Dpac Industrial Co., Ltd., Bangkok	14,3 %	37,4 %	14,3 %
	Multibax Public Co., Ltd., Chonburi	5,1 %	10,6 %	5,1 %
	Naraipak Co., Ltd. u Narai Packaging (Thailand) Ltd., Bangkok	10,4 %	29,7 %	10,4 %
	Sahachit Watana Plastic Industry Co., Ltd., Bangkok	6,8 %	23,9 %	6,8 %
	Thai Plastic Bags Industries Co., Ltd., Nakhonpathom	5,8 %	53,5 %	5,8 %
	Il-prodotturi li jesportaw li kooperaw li mhumiex fil-kampjun	7,9 %	27,6 %	7,9 %
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	14,3 %	37,4 %	14,3 %

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan qed jiġu imposti d-dazji *anti-dumping* definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' xkejjer u basktijiet tal-plastik, li fihom għall-inqas 20 % ta' polietelein u ta' ħxuna li ma teċċedix il-100 mikrometru, li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u fit-Tajlandja; u li jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 3923 21 00, ex 3923 29 10 u ex 3923 29 90 (Kodiċijiet TARIC 3923 21 00 20, 3923 29 10 20 u 3923 29 90 20).

2. Ir-rata tad-dazju definittiv applikabbli għall-prezz nett b'xejn fuq il-fruntiera Komunitarja, qabel id-dazju, għall-prodotti manifatturati mill-kumpaniji elenkati aktar 'l isfel, għandha tkun kif ġej:

Il-pajjiż	Il-kumpanija	Ir-rata tad-dazju AD (%)	Il-Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Cedo (Shanghai) Limited u Cedo (Shanghai) Household Wrappings Co. Ltd., Shanghai	7,4	A757
	Jinguan (Longhai) Plastics Packing Co., Ltd., Longhai	5,1	A758
	Sunway Kordis (Shanghai) Ltd. u Shanghai Sunway Polysell Ltd., Shanghai	4,8	A760
	Suzhou Guoxin Group Co., Ltd., Suzhou Guoxin Group Taicang Yihe Import & Export Co., Ltd., Taicang Dongyuan Plastic Co., Ltd. u Suzhou Guoxin Group Taicang Giant Packaging Co., Ltd., Taicang	7,8	A761
	Wuxi Jiayihe Packaging Co., Ltd. u Wuxi Bestpac Packaging Co., Ltd., Wuxi	12,8	A763
	Zhong Shan Qi Yu Plastic Products Co Ltd., Zhongshan	5,7	A764
	Huizhou Jun Yang Plastics Co,. Ltd., Huizhou	4,8	A765
	Il-kumpaniji elenkati fl-ANNESS I	8,4	A766
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	28,8	A999
It-Tajlandja	King Pac Industrial Co., Ltd., Chonburi u Dpac Industrial Co., Ltd., Bangkok	14,3	A767
	Multibax Public Co., Ltd., Chonburi	5,1	A768
	Naraipak Co Ltd. u Narai Packaging (Thailand) Ltd., Bangkok	10,4	A769
	Sahachit Watana Plastic Industry Co., Ltd., Bangkok	6,8	A770
	Thai Plastic Bags Industries Co., Ltd., Nakonpathom	5,8	A771
	Il-kumpaniji elenkati fl-ANNESS II	7,9	A772
	Il-kumpaniji l-oħra kollha	14,3	A999

3. Ħlief jekk ikun speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali.

Artikolu 2

Fejn kwalunkwe produttur li jesporta ġdid fil-PRC jew fit-Tajlandja jipprovdi biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li

— ma kienx jesporta lejn il-Komunità l-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' l-investigazzjoni (mill-1 ta' April 2004 sal-31 ta' Marzu 2005);

— mhux relatat ma' kwalunkwe wieħed mill-esportaturi jew mill-produtturi fil-PRC jew fit-Tajlandja li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping imposti minn dan ir-Regolament;

u

— effettivament esporta lejn il-Komunità l-prodotti konċernati wara l-perjodu ta' l-investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli biex jesporta kwantità sinfikanti lejn il-Komunità,

f' dak il-każ il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza sempliċi fuq proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li jikkonsulta l-Kumitat Konsultattiv, jista' jemenda l-Artikolu 1(3) billi jżid lill-produttur li jesporta l-ġdid mal-listi fl-Anness I jew II.

Artikolu 3

Il-proċediment dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti xkejjer u basktijiet tal-plastik li joriġinaw fil-Malażja huwa b' dan mitmum.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 25 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

ANNESS I

IL-PRODUTTURI LI JESPORTAW LI KKOOPERAW ĊINIŻI LI MA TTIEĦDUX BĦALA KAMPJUN

Il-Kodiċi Addizjonali TARIC A766

BEIJING LIANBIN PLASTIC & PRINTING CO LTD	Beijing
CHANGLE BEIHAI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Zhuliu
CHANGLE UNITE PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Changle
CHANGLE HUALONG PLASTIC PRODUCTS CO LTD	Changle
CHANGLE SANDELI PLASTIC PRODUCTS CO LTD	Changle
CHANGLE SHENGDA RUBBER PRODUCTS CO., LTD.	Changle
CHANGZHOU HUAGUANG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Wujin
CHEONG FAT PLASTIC BAGS (CHINA) PRINTING FACTORY	Shenzhen
CHUN HING PLASTIC PACKAGING MANUFACTORY LTD	Hong Kong
CHUN YIP (SHENZHEN) PLASTICS LIMITED	Shenzhen
CROWN POLYETHYLENE PRODUCTS (INT'L) LTD.	Hong Kong
DALIAN JINSHIDA PACKING PRODUCTS CO., LTD	Dalian
DONG GUAN HARBONA PLASTIC & METALS FACTORY CO., LTD.	Dongguan
DONGGUAN CHERRY PLASTIC INDUSTRIAL, LTD	Dongguan
DONGGUAN FIRSTWAY PLASTIC PRODUCTS CO., LTD	Dongguan
DONGGUAN MARUMAN PLASTIC PACKAGING COMPANY LIMITED	Dongguan
DONGGUAN NAN SING PLASTICS LIMITED	Dongguan
DONGGUAN NOZAWA PLASTIC PRODUCTS CO. LTD	Dongguan
DONGGUAN RUI LONG PLASTICS FACTORY	Dongguan
FOSHAN SHUNDE KANGFU PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Shunde
FU YUEN ENTERPRISES CO.	Hong Kong
GOLD MINE PLASTIC INDUSTRIAL LIMITED	Jiangmen
GOOD-IN HOLDINGS LTD.	Hong Kong
HANG LUNG PLASTIC FACTORY (SHENZHEN) LTD	Shenzhen
JIANGMEN CITY XIN HUI HENGLONG PLASTIC LTD.	Jiangmen
JIANGMEN TOPTYPE PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Jiangmen
JIANGMEN XINHUI FENGZE PLASTIC COMPANY LTD.	Jiangmen
JIANGYIN BRAND POLYTHENE PACKAGING CO., LTD.	Jiangyin
JINAN BAIHE PLASTIC PRODUCTS COMPANY LIMITED	Jinan
JINAN CHANGWEI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Jinan
JINAN CHENGLIN PLASTIC PRODUCTS COMPANY LTD.	Jinan
JINAN MINFENG PLASTIC CO., LTD.	Jinan
JINYANG PACKING PRODUCTS (WEIFANG) CO. LTD	Qingzhou
JUXIAN HUACHANG PLASTIC CO., LTD	Liuguanzhuang

JUXIAN HUAYANG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD	Liuguanzhuang
KIN WAI POLY BAG PRINTING LTD.	Hong Kong
LAIZHOU JINYUAN PLASTICS INDUSTRY & TRADE CO., LTD.	Laizhou
LAIZHOU YUANXINYIE PLASTIC MACHINERY CO., LTD.	Laizhou
LICK SAN PLASTIC BAGS (SHENZHEN) CO., LTD.	Shenzhen
LINQU SHUNXING PLASTIC PRODUCTS CO. LTD	Linqu
LONGKOU CITY LONGDAN PLASTIC CORPORATION LTD.	Longkou
NEW CARING PLASTIC MANUFACTORY LTD.	Jiangmen
NEW WAY POLYPAK DONGYING CO., LTD.	Dongying
NINGBO HUASEN PLASTHETICS CO., LTD.	Ningbo
NINGBO MARUMAN PACKAGING PRODUCT CO. LTD.	Ningbo
POLY POLYETHYLENE BAGS AND PRINTING CO.	Hong Kong
QINGDAO NEW LEFU PACKAGING CO., LTD.	Qingdao
RALLY PLASTICS CO., LTD. ZHONGSHAN	Zhongshan
RIZHAO XINAO PLASTIC PRODUCTS CO., LTD	Liuguanzhuang
DONGGUAN SEA LAKE PLASTIC PRODUCTS MANUFACTURING CO., LTD.	Dongguan
SHANGHAI HANHUA PLASTIC PACKAGE PRODUCT CO., LTD.	Shanghai
SHANGHAI HUAYUE PACKAGING PRODUCTS CO., LTD.	Shanghai
SHANGHAI LIQIANG PLASTICS INDUSTRY CO., LTD.	Zhangyan
SHANGHAI MINGYE PLASTICS GOODS COMPANY LIMITED	Shanghai
SHANGHAI QUTIAN TECHNOLOGY INDUSTRY DEVELOPMENT CO. LTD.	Shanghai
SHANTOU ULTRA DRAGON PLASTICS LTD.	Shantou
SHAOXING YUCI PLASTICS AND BAKELITE PRODUCTS CO., LTD.	Shangyu
SHENG YOUNG INDUSTRIAL (ZHONGSHAN) CO., LTD.	Zhongshan
SUPREME DEVELOPMENT COMPANY LIMITED	Hong Kong
TAISHING PLASTIC PRODUCTS CO., LTD. ZHONGSHAN	Zhongshan
TIANJIN MINGZE PLASTIC PACKAGING CO., LTD.	Tianjin
UNIVERSAL PLASTIC & METAL MANUFACTURING LIMITED	Hong Kong
WAI YUEN INDUSTRIAL AND DEVELOPMENT LTD	Hong Kong
WEIFANG DESHUN PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Changle
WEIFANG HENGSHENG RUBBER PRODUCTS CO., LTD.	Changle
WEIFANG HONGYUAN PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Changle
WEIFANG HUASHENG PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Changle
WEIFANG KANGLE PLASTICS CO., LTD.	Changle
WEIFANG LIFA PLASTIC PACKING CO., LTD.	Weifang
WEIFANG XINLI PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Weifang
WEIFANG YUANHUA PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Weifang
WEIFANG YUJIE PLASTICS PRODUCTS CO., LTD.	Weifang

WEIHAI WEIQUAN PLASTIC AND RUBBER PRODUCTS CO. LTD.	Weihai
WINNER BAGS PRODUCT COMPANY (SHENZHEN) LIMITED	Shenzhen
WUI HING PLASTIC BAGS PRINTING (SHENZHEN) COMPANY LIMITED	Shenzhen
XIAMEN EGRET PLASTICS CO., LTD.	Gaoqi
XIAMEN RICHIN PLASTIC CO., LTD	Xiamen
XIAMEN UNITED OVERSEA ENTERPRISES LTD.	Xiamen
XIAMEN XINGXIA POLYMERS CO., LTD	Xiamen
XIAMEN XINYATAI PLASTIC INDUSTRY CO. LTD.	Xiamen
XINHUI ALIDA POLYTHENE LIMITED	Xinhui
XINTAI CHUNHUI MODIFIED PLASTIC CO., LTD	Xintai
YANTAI BAGMART PACKAGING CO., LTD.	Yantai
YANTAI LONGQUAN PACKAGING MATERIAL CO. LTD.	Yantai
YAU BONG POLYBAGS PRINTING CO., LTD.	Hong Kong
YINKOU FUCHANG PLASTIC PRODUCTS. CO., LTD.	Yingkou
YONGCHANG (CHANGLE) PLASTIC INDUSTRIES CO., LTD.	Weifang
ZHANGJIAGANG YUANHEYI PAPER & PLASTIC COLOR PRINTING & PACKING CO., LTD	Zhangjiagang
ZHONGSHAN DONGFENG HUNG WAI PLASTIC BAG MFY	Zhongshan
ZHONGSHAN HUANGPU TOWN LIHENG METAL & PLASTIC FACTORY	Zhongshan
ZHUHAI CHINTEC PACKING TECHNOLOGY ENTERPRISE CO. LTD	Zhuhai
ZIBO WEIJIA PLASTIC PRODUCTS CO., LTD.	Zibo

ANNESS II

IL-PRODUTTURI ESPORTATURI TAJLANDIŻI LI KKOOPERAW LI MA TTIEĦDUX BĦALA KAMPJUN

Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC A772

APPLE FILM CO., LTD	Samutprakarn Province
C P PACKAGING INDUSTRY CO., LTD.	Bangkok
K. INTERNATIONAL PACKAGING CO., LTD.	Samutsakorn
POLY WORLD CO., LTD.	Bangkok
SIAM FLEXIBLE INDUSTRIES CO., LTD	Samutsakorn
THAI GRIPTECH CO. LTD. u SUPER GRIP CO., LTD.	Bangkok
THANTAWAN INDUSTRY PUBLIC COMPANY LIMITED	Nakornphathom
UNITY THAI PRODUCTS CO., LTD. u UNITY THAI PRODUCTS (1999) CO., LTD.	Bangkok
UNIVERSAL POLYBAG COMPANY LTD.	Chonburi
ZIPLAS INTERNATIONAL CO LTD	Bangkok